# PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAT-28 TA' ĠUNJU, 2024**

**Kawża Numru: 8**

**Rik. Ġur. 980/2019 RGM**

**Ahmad Alshab**

**vs.**

**Martin Gauci**

**Il-Qorti**

1. Rat li b'rikors maħluf tal-15 t'Ottubru 2019 l-attur fisser li b'konvenju tas-17 t'April 2019, estiż fl-14 t'Awwissu 2019, il-konvenut wiegħed u obbliga ruħu li jbiegħ u jittrasferixxi garaxx immarkat bin-numru 6 li jinstab fil-*ground floor level*, mingħajr arja tiegħu flimkien mal-bir sottopost u bis-sottosoul tal-garaxx kollu u flimkien mal-bitħa retroposta u liema garaxx hu aċċessibbli minn entratura distinta li tiżbokka fi Triq il-Ballut, Sliema, liema konvenju skada fl-20 ta' Settembru 2019. Il-prezz miftiehem kien ta' €100,000 bil-pattijiet u kundizzjonijiet oħra indikati fl-istess konvenju. Il-konvenut ġie interpellat b'ittra uffiċċjali tas-17 ta' Settembru 2019 sabiex jaddivjeni għall-pubblikazzjonijiet tal-kuntratt ta' bejgħ relattiv

iżda baqa' inadempjenti. Huwa għalhekk li l-attur ressaq din l-azzjoni jitlob lil din il-Qorti:

> "1. Tikkundannah jersaq għall-pubblikazzjoni ta' l-att notarili tal-bejgh tal-fond fuq imsemmi u dan bil-pattijiet u kundizzjonijiet kollha stipulati fl-imsemmi konvenju;
>
> 2. Tinnomina lin-Nutar Pubbliku Dottor Malcolm Mangion sabiex jippubblika l-att tal-bejgħ relattiv u tiffissa data, hin u lok fejn ghandu jiġi ppubblikat l-kuntratt definittiv ta' kompravendita;
>
> 3. Tinnomina kuraturi sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.
>
> Bl-ispejjez inklużi dawk ta' l-ittra ufficċjali tas-sbatax (17) ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) kontra l-konvenut, li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni."

2. Rat ir-risposta ġuramentata imressqa fis-16 ta' Diċembru 2019 fejn il-konvenut laqa' għat-talbiet attriċi billi ressaq l-eċċezzjonijiet segwenti: li huwa kien dispost li jidher fuq il-kuntratt finali iżda l-attur naqas milli jonora l-obbligi kollha naxxenti mill-konvenju relattiv; illi l-magna tal-vettura imsemmija fil-konvenju ma kinitx dik oriġinali tagħha u lanqas m'hija tal-istess mudell. Jgħid li huwa induna b'dan meta l-mekkanik inkarigat mill-attur stess induna li n-numru tal-magna ma kienx jaqbel ma' dak tal-*Logbook* tal-vettura; illi l-konvenut naqas milli jagħmel dak kollu neċessarju sabiex jikkonsenja l-vettura kif imwiegħda u pattwit; illi huwa interpella lill-attur b'żewġ ittri uffiċjali sabiex dan jidher fuq il-kuntratt finali u sabiex jonora l-obbligi tiegħu u jara li l-vettura in kwistjoni tkun pienament funzjonanti, konformi mal-ispeċifikazzjonijiet oriġinali u fl-istat imwiegħed; li din il-vettura, bħala *classic car collector*, kienet parti fundamentali għall-aċċettazzjoni da parti tiegħu sabiex jinnegozja l-garaxx mertu tal-konvenju; illi l-attur, nonostante li ma kienx kapaċi jew dispost li jonora l-obbligi tiegħu, xorta baqa' jinsisti li l-kuntratt kellu jsir u jsir it-

trasferiment tal-fond relattiv;  illi għalhekk li huwa rrifjuta li jidher fuq il-kuntratt finali u ma kienx f'pożizzjoni li jagħtih dak mwiegħed.

3. Rat li l-konvenut ressaq talba rikonvenzjonali fejn wara li irrepeta dak li ingħad fir-risposta ġuramentata tiegħu, talab lill-Qorti

   "1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-Attur Rikonvenzjonat Ahmad Alshab ma ghandux jedd u titolu validu fil-Ligi sabiex iżomm il-pussess tal-garaxx numru 6 sottopost ghal blokka appartamenti bl-isem ta' Maria Flats ġewwa Triq il-Ballut, Tas-Sliema, mertu tal-vertenza odjerna;

   2. Illi konsegwentement tordna lill-attur rikonvenzjonat jirrilaxxa u jirritorna l-pussess vakanti tal-istess garaxx f'terminu qasir u perentorju prefiss minn din l-Onorabbli Qorti, u fin-nuqqas ta' liema rilaxx tawtorizza lil Martin Gauci jiehu l-pussess lura u jibdel is-serratura tal-istess garaxx a spejjez ta' Ahmad Alshab.

   3. Tillikwida, okkorrendo permezz ta' nomina ta' perit nominandi, d-danni kkawzati lil Martin Gauci u tordna lil Ahmad Alshab jhallas dak il-kumpens hekk likwidat ghaz-zamma bla titolu tal-fond in kwistjoni ghall-perjodu ta' bejn id-data li huwa ha l-pussess tal-fond u ċioe fis-17 ta' April 2019, sad-data tar-rilaxx effettiv lura lil Martin Gauci.

   4. Tordna lil Ahmad Alshab ihallas id-danni hekk likwidati rappreżentanti z-zamma bla titolu tal-fond in kwistjoni ghall-perjodu ta' bejn id-data li huwa ha l-pussess tal-fond u ċioe fis-17 t'April 2019, sad-data tar-rilaxx effettiv lura lil Martin Gauci.

   Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet sad-data tal-eventwali pagament, inklużi dawk tal-proċeduri kollha relatati mall-prezenti proċeduri, u ta' kwalsaisi proċeduri ulterjuri kontra l-attur rikonvenzjonat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni."

4. Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata fit-28 ta' Jannar 2020 fejn l-attur rikonvenzjonat oppona għat-talbiet rikonvenzjonali billi jgħid illi ai termini

tal-konvenju il-garaxx għadda immedjatament għandu u dan sal-eżekuzzjoni tal-att finali; li mhux minnu li huwa naqas milli jipprovdi l-vettura speċifikata fil-konvenju kif deskritta fuq il-*log book;* li l-konvenju jipprovdi speċifikament li l-vettura "wieghda hawn tiġi bonarjament ivvalutata mill-partijiet fl-istat attwali taghha"; li "mhuwiex minnu li l-attur rikonvenut naqas milli jidher ghall-allegat appuntament msemmi fil-Kontro Talba guramentata tal-Konvenut rikonvenzjonanti u ċioe d-data tal-20 ta' Settembru 2019 fis-2.30 stante li ma kienx ser ikun possibbli li jiġi ffirmat l-Att billi l-konvenut rikonvenzjonanti kien qed jhedded li biex jiffirma ried li jirċievi hlas addizzjonali u fin-nuqqas jaghmel rapport lill-Pulizija li l-magna kienet misruqa u dana oltre li l-Konvenut Rikonvenzjonant kien jaf u ghalhekk kienet ntbaghtet l-ittra uffiċċjali da parti tal-attur rikonvenut fis-17 ta' Settembru [2019] li l-konsulent legali tieghu kien ser ikun imsiefer u ried isir qabel it-18 ta' Settembru [2019] tant li l-istess konvenut rikonvenzjonanti bghatt l-ittra gudizzjarja tieghu fid-19 ta' Settembru [2019] u ċioe qabel id-data msemmija ghall-gheluq tal-konvenju"; li l-valur tal-vettura msemmija fil-konvenju ingħatat bħala depożitu però l-vettura ma kinitx kundizzjoni mhux negozjabbli sabiex isir l-att finali; li minkejja li l-attur rikonvenzjonat offra li jgħaddi l-valur tal-vettura lill-konvenut rikonvenzjonanti filwaqt li dan tal-aħħar jirritorna l-vettura fl-istat li kienet fid-data tal-konvenju sabiex isir l-att ta' trasferiment tal-garaxx imsemmi, il-konvenut rikonvenzjonanti rrifjuta u kien għalhekk li l-attur rikonvenzjonat kellu jipproċedi b'rikors ġuramentat.

5. Il-Qorti nominat lil Natalino Agius sabiex jispezzjona l-vettura, jagħmel il-konstatazzjonijiet tiegħu u jirrelata dwarhom.

6. Rat ir-rapport finali tal-Perit Tekniku Natalino Agius ippreżentat fit-8 ta' Frar 2023 u maħluf fis-7 ta' Marzu 2023.[1]

[1] Fol 216 et seq tal-proċess.

7. Rat in-nota tal-konvenut ippreżentata fl-4 t'April 2023 bil-mistoqsijiet in eskussjoni għall-espert[2] u kif ukoll in-nota tal-attur ippreżentata wkoll fl-4 t'April 2023 b'mistoqsijiet għall-espert[3].

8. Rat l-atti kollha tal-kawża.

9. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet [4] [5].

10. Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**Provi**

11. Xehed l-**attur** permezz t'affidavit fejn fisser li fis-17 t'April 2019 huwa kien għamel konvenju mal-konvenut Martin Gauci sabiex jixtri l-garaxx immarkat bin-numru sitta (6) li jinsab fil-livell terran aċċessibbli minn entratura distinta li tisbokka fi Triq il-Ballut, Sliema għal prezz ta' €100,000 u l-konvenju kien validu għal 4 xhur estiż sal-20 ta' Settembru 2019. In retroxena għal dan il-konvenju, l-attur fisser li huwa kien mar jara dan il-garaxx wara li kien ra avviż li kien għal bejgħ. Mar jarah ma' ċertu Peter Agius. Jgħid li kien fetħilhom iben il-konvenut u kien qalilhom li dwar negozjati kellhom ikellmu lill-missieru. Jgħid li huwa ċempel lil konvenut ftehmu li jmorru l-garaxx tiegħu ġewwa Ħal Luqa. Hekk għamlu. Meta kien hemm induna li l-konvenut kellu ħafna karozzi antiki u d-diskors dar fuqhom u kien qallu li hu għandu Mustang tal-1969. Qal li kif sema hekk, il-konvenut ried jaraha u kien ftiehem ma' George Vella, ir-raġel li kellu l-karozza għandu, sabiex imorru jarawha. Jgħid li fil-fatt marru jarawha u l-konvenut kellu miegħu lil ibnu. L-attur jgħid li Martin u ibnu daru mal-vettura u qalulu li kienet għoġbithom u li rieduha u li kien interessat għax jifhem fihom tant li għandu kollezzjoni.

[2] Fol 231 tal-proċess.
[3] Fol 233 et seq tal-proċess.
[4] Fol 238 et seq tal-proċess.
[5] Fol 262 et seq tal-proċess.

12. L-attur jgħid li huwa ma tantx jifhem f'karozzi antiki u kien ħadha mingħand George Vella bi tpartit fuq negozju ieħor. Jgħid mal-konvenut ftiehem li l-prezz tal-garaxx kien €100,000 u li ser ibiegħlu l-vettura għal prezz ta' €30,000. Jgħid li l-Ħadd ta' wara l-vettura ittellgħet fuq *tow truck* biex tmur għand il-konvenut fil-preżenza tal-konvenut u ibnu. Jgħid li huwa kien tah iċ-ċavetta tal-vettura, il-*logbook* u kien anke fdah jirreġistraha fuq ismu mill-ewwel. Jgħid li qabel ma ltaqgħu għand in-Nutar, il-konvenut kien ċempillu u kien qallu li kien ħa parir mingħand l-avukat tiegħu li l-vettura l-ewwel kellha iddur minn fuq it-terz għal fuq l-attur, imbagħad iddur fuq il-konvenut. Jgħid li kien għalhekk li l-konvenut għaddilu lura l-*logbook* biex idawwar il-vettura fuqu l-ewwel imbagħad għadda l-*logbook* lill-konvenut. L-attur fisser li meta marru għall-konvenju, mal-konvenut kien hemm l-avukat tiegħu u kien qallu li l-magna ma kinitx qed tinstema sew u xtaq li jniżżilha fil-konvenju. Qal li n-Nutar ma kienx jaqbel li tkun fil-konvenju, iżda hu tant kien ċert li l-vettura ma kien fiha xejn li ma sabx problema li tiddaħħal klawżola li jitqabbad espert u isir r-riparazzjonijiet meħtieġa. Jgħid li l-konvenut kien qallu li ħa l-vettura għand il-mekkanik tiegħu u li kien ser jordna xi parts. Jgħid li huwa kien qallu biex imexxi u li kien ser iħallas il-parts hu. Għadda ż-żmien sakemm qorob żmien li jiġi ffirmat il-kuntratt finali. Qal li l-konvenut kien informah li huwa kien iġġieled mal-mekkanik għax ma kienx ġablu l-parts, imbagħad beda jgħidlu li l-magna mhux tajba għax għandha n-numru ħażin, il-bsaten mgħawġin u ħafna affarijiet inkluż li l-magna kienet misruqa u kien talbu €15,000 oħra u kien jaċċettaha kif inhi. Ix-xhud spjega li huwa ma riedx itih aktar flus għax il-karozza kienet tajba meta ħadha u "minflok offrejtlu li nohodha lura fl-istess kundizzjoni li kien hadha u ghalhekk fuq il-kuntratt tal-garage ikolli nhallas l-ammont ta' mitt elf ewro (€100,000) u mhux sebgħin elf ewro (€70,000)." Jgħid li Martin Gauci ma riedx jersaq għall-kuntratt finali u kien għalhekk li għamel ittra uffiċċjali fis-17 ta' Settembru 2019 biex jersaq skont il-liġi. L-attur jgħid li minkejja dan Martin Gauci baqa' jisfida li kien ser imur għand il-Pulizija u jagħmel rapport li l-magna misruqa. L-attur qal li huwa kien qallu sabiex jekk irid imur jagħmel rapport, qallu wkoll li l-ftehim kien fuq il-garaxx u offrielu li jħallas €30,000 u jieħu l-vettura lura iżda Gauci irrifjuta.

In kontro-eżami ġie mistoqsi jekk kellux iċ-ċwievet tal-garaxx, l-attur ikkonferma li qegħdin għandu u huwa qiegħed jagħmel użu minnu. L-attur ikkonferma wkoll li l-valur oriġinali mitlub minn Martin Gauci kien ta' €140,000, imma rranġa bi tpartit bil-karozza u l-valur tal-garaxx ikun ta' €100,000. Mistoqsi jekk Gauci kienx niżel fil-prezz għax ried dik il-karozza speċifika, l-attur jikkonferma. Mistoqsi jekk qabel il-konvenju kinux qalulu li hemm problema bil-magna, ix-xhud jgħid li huma qalulu l-ewwel darba quddiem in-Nutar u kien qallu li l-problema hija żgħira, probabbli xi ħmieġ. Mistoqsi jekk hu jifhimx fil-karozzi, ix-xhud jgħid li le. Ikompli jgħid li Gauci però jifhem fil-karozzi u fil-magni. Mistoqsi jekk kienx jaf lill-mekkanik, ix-xhud jgħid li ma jafux u kien Gauci li ħadu għandu. Mistoqsi jekk kienx hemm diffikultà sabiex jinstabu parts għall-magna peress li ma kienx jidher in-numru tagħha, l-attur jgħid li huwa ma jaf xejn fuqhom dawk l-affarijiet. Mistoqsi jekk kienx jaf li l-magna ma kinitx waħda oriġinali iżda kienet waħda aktar antika, ix-xhud qal li minn għand minn xtraha hu kien qallu li kienet magna kbira u tiswa aktar flus.

13. Xehed permezz t'affidavit **George Louise Vella**, prodott mill-attur, is-sid preċedenti tal-vettura BCD 894, Mustang Coupe li kienet ilha għandu għal madwar sentejn u kien xtraha m'għand ċertu Frans Spiteri. Jgħid li rari kien jużaha però kien jixegħlha darbtejn fil-ġimgħa u jgħid li qatt ma kellu problemi biha. Jispjega li kien f'Diċembru 2018 li biegħha lill-attur iżda kien ħalliha fuq ismu u fil-garaxx tiegħu. Jispjega li huwa kien jieħu ħsiebha. Kien lejn l-aħħar ta' Marzu / bidu April 2019 li kien ċempillu l-attur u qallu li kien ser imur xi ħadd biex jara l-Mustang. Kien ġie ċertu Martin u ieħor miegħu, li kien qallu li kien it-tifel tiegħu flimkien ma' l-attur u Peter Agius sabiex jaraw il-vettura. Jgħid li dawn iċċekjaw kullimkien tal-vettura, inkluż il-magna u taħt il-karozza, il-bibien, u l-bagoll. Jgħid li Martin u ibnu kienu kuntenti bil-vettura, startjawha u semgħu kif taħdem u ftehmu biex l-għada imorru jiġbruha. Jgħid li l-għada kienu marru bit-*tow truck* u kien hu li tellagħha fuq l-imsemmi trakk. Jispjega li hu ta l-*logbook* lill-konvenut. Xi żmien wara kien mar l-attur u qallu li l-konvenut ma riedx li l-*logbook* idur minn fuq ismu (ċioe George Louise Vella) għal fuqu iżda ried li l-ewwel tinqaleb fuq l-attur, imbagħad

fuq il-konvenut. Jgħid li għalih ma kinitx tagħmel differenza però kien ser iżid sid tal-vettura għal xejn.

14. Xehed permezz t'affidavit **Peter Agius** prodott mill-attur. Fisser li huwa kien mar ma' l-attur sabiex jinnegozja fuq il-garaxx. Jgħid li l-konvenut kien urihom xi karozzi antiki u hu kien issuġġerixxa lill-attur sabiex iħallas parti mill-garaxx bil-Mustang. Ix-xhud jgħid li Martin għoġbitu din l-idea. Kien sar qbil li l-valur tal-garaxx kien ta' €100,000. Jgħid li Ahmad kien qal lil Gauci li huwa kellu talba għall-bejgħ tal-vettura għal prezz ta' €30,000 u kien sar ftehim bejniethom li jekk togħġbu l-karozza, parti mill-prezz tal-garaxx tinqata' bil-karozza. Agius qal li kien l-għada li l-konvenut mar jara l-vettura. Il-konvenut u ibnu daru l-vettura inkluż il-magna u taħtha u wara li semgħuha taħdem il-konvenut informa lill-attur li l-għada kien ser imur jiġborha. Xhed li l-għada marru bit-*tow truck* u huwa tellgħaha fuq it-trakk. Wara dakinhar huwa mar ma' l-attur għand in-Nutar sabiex jagħmlu l-konvenju quddiem in-Nutar Malcolm Mifsud. Ma' l-konvenut kien hemm ibnu u ċertu Quentin li kien qallu li huwa l-avukat tal-konvenut. Lin-Nutar kienu infurmawh b'dak li kienu qablu fuqu inkluż li l-attur jieħu ċ-ċwievet tal-garaxx u r-*remote* tal-bieb tal-garaxx ukoll biex jużah. Jgħid li jiftakar li l-konvenut kien qallu li l-magna tal-Mustang kienet qed titriegħed u jista' jkun li kien hemm xi *sparking plug* li kien maħmuġ u li kien aħjar jekk titniżżel fil-konvenju li mekkanik kellu jarah u jagħmel tiswijiet jekk ikun hemm il-bżonn.

15. Xehed **Stephen Cachia**, rappreżentant tal-Awtorità tat-Trasport f'Malta. Jgħid li huwa għamel riċerka fuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BCD 894 u sab li hija vettura tal-għamla Ford Mustang ta' kulur aħmar, liema vettura inġabet Malta minn John Mary Sammut għan-nom ta' Johnny Auto dealer. Sussegwentement fid-19 ta' Frar 2015 din il-vettura ġiet reġistrata fuq John Mary Sammut u fit-18 ta' Marzu 2015 l-istess vettura ġiet trasferita fuq Francis Spiteri, fil-25 t'Ottubru 2018 l-istess vettura ġiet trasferita fuq George Louise Vella u fil-15 t'April 2019 l-istess vettura ġiet trasferita fuq l-attur Ahmad Alshab. Fisser li din il-vettura kienet importata mill-Ingilterra. Il-kapaċità tal-magna hija ta' 6390CC.

16. Xehed **Christopher Sammut** fejn fisser li huwa kien jieħu ħsieb ix-xogħol ta' missieru fl-importazzjoni tal-vetturi u l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BCD 894 hija waħda minnhom. Fisser li huwa kien ħa ħsieb jirreġistraha meta biegħha missieru u kien ħa ħsieb l-*inspection form* fuqha kemm ma' Transport Malta kif ukoll għal VRT. Ix-xhud jgħid li kienu saru verifiki minn Transport Malta tan-numru ta' magna kif ukoll in-numru tax-chassis. Ix-xhud fisser li jekk karozza tiġi reġistrata din tkun għaddiet l-ispezzjonijiet kollha. Ix-xhud għadda biex spjega li l-Mustangs għandek small block u big block – l-ismall block tingħaraf għaliex hija iżgħar u aktar faċli biex taħdem fuqha filwaqt li l-big block toqgħod masgħura ħafna u diffiċli biex tbiddel il-*plugs*. Ix-xhud spjega li l-magna tal-vettura mertu tal-kawża kienet tat-tip *big block* u għadda sabiex ippreżenta ritratt tal-magna li kien ħa hu stess meta kienet għada fil-pussess tiegħu.[6] Ix-xhud spjega li huwa kien ġie avviċinat minn l-attur jistaqsih dwar il-vettura u li l-konvenut Martin Gauci kien qed jgħidlu li l-vettura kienet misruqa. Qal li huwa kien ċempel lill-konvenut hu stess għax kien jafu minn meta kienu tfal u staqsih x'kienet il-problema u l-konvenut qallu li l-vettura kienet misruq u li l-vettura għandha magna *small block*. Ix-xhud qal li huwa kien offra lill-konvenut Martin Gauci li jixtri l-vettura hu bi prezz ta' €30,000 (u reġa' għamel l-istess offerta quddiem il-Qorti) sabiex jirranġaw il-problema ta' bejniethom però l-konvenut Martin Gauci irrifjuta l-offerta u baqa' jinsisti li l-karozza jrid.

    In kontro-eżami x-xhud ikkonferma li l-vettura mertu tal-kawża ma ħarġitx bil-*big block* oriġinali, iżda b'magna straight-6. Fuq mistoqsija jekk il-magna li għandha fuqha l-Mustang hijiex il-magna oriġinali li ħarġet biha mill-fabbrika, ix-xhud jgħid li m'hijiex il-magna oriġinali u dan jafu mic-chassis number għaliex juri il-kulur oriġinali, il-magna jekk hijiex straight-6, V8, small block jew big block etc.

17. Xehed permezz t'affidavit il-**konvenut Martin Gauci** fejn fisser li huwa s-sid tal-garaxx 6, Triq il-Ballut tas-Sliema u li fil-bidu tas-sena 2019 kien avviċinah l-attur Ahmad Alshab sabiex jixtri l-garaxx. Jgħid li l-attur mar

[6] Ritratt a fol 74 u 76 tal-proċess.

ikellmu fil-garaxx tal-konvenut f'Ħal Luqa fejn iżomm il-parti l-kbira tal-kollezzjoni tal-vetturi tiegħu. Jgħid li għall-garaxx huwa ried €140,000 iżda l-attur qallu li ma kellux biżżejjed finanzi sabiex jixtrih u peress li "kien jaf"[7] li huwa dilettant u kollezzjonist tal-vetturi klassiċi kien ħareġ bi proposta li bħala parti mill-prezz jeħodlu Ford Mustang Mach 1, 390 tal-1969. Jgħid li kienet vettura li dejjem xtaq u li kienet nieqsa mill-kollezzjoni tiegħu u kien għalhekk li wera interess fil-proposta u wara ħafna negozjati, il-prezz tal-garaxx niżel għal €100,000, li €70,000 kellhu itihomlu fi flus. Fis-17 t'April 2018, hu flimkien mal-PL Quentin Tanti kienu marru għand in-Nutar Malcolm Mangion sabiex jagħmlu l-konvenju u l-attur insista li jingħata ċ-ċwievet tal-garaxx mal-iffirmar tal-konvenju u sar qbil dwar dan kif ukoll li l-vettura titqiegħed fil-garaxx tal-konvenut bil-patt u l-kundizzjoni li ma tintużax u dak inhar ingħata kopja tal-*logbook*. Jgħid li ġie dikjarat li l-vettura kellha ħoss mhux normali fil-magna u li kellha tissewwa sa qabel il-kuntratt a spejjeż ta' Ahmad Alshab. Dan id-diskors, jgħid ix-xhud, sar kollu quddiem in-Nutar u kien anke ġie inkluż fil-konvenju. Jgħid li l-attur ma kienx solva l-problema tal-magna u kien għalhekk li fl-14 t'Awwissu 2019 il-konvenju ġie mġedded sal-20 ta' Settembru 2019. Jgħid li meta kellu kopja tal-*logbook* f'idejh huwa beda jagħmel riċerka fuq il-vettura. Jgħid li meta l-mekkanik inkarigat mill-attur beda jaħdem fuq il-magna sab li in-numru ippanċjat tal-magna kien jinkludi fih '9B' u "751' – jgħid li n-numru ma kienx komplet – u mhux 60 -352. Jgħid li fil-verità lanqas ma' Transport Malta ma hi reġistrata tajba għaliex dak mhux in-numru tal-magna iżda huwa n-numru tal-*casting* tal-blokka li hija blokka 352. Il-konvenut ikompli jgħid hekk:

> "Meta komplejt ir-ricerka fuq dan in-numru, sibt illi dik il-magna i) ma kinitx ta' Ford Mustang ii) ma kinitx tas-sena 1969 u iii) ma kinitx la 390 cubic inch (6.4 ltr) u lanqas 351 cubic inch (5.7 ltr). Sibt illi fil-verita il-magna li kellha installata ġewwa l-Ford Mustang, kienet infatti magna ferm aktar antika li kienu jinstallaw fuq il-*Ford Mayfair, Ford Galaxie, Ford Thunderbird* u *Ford Fairlane* ta nofs is-snin 1950 – li ma ghandha xejn x'taqsam mal-Ford Mustang – la bhala mudell u lanqas bħala

[7] Fol 88 tal-proċess.

annu. Dan il-fatt ibiddel ix-xenarju totalment meta wiehed qed jitkellem fuq vettura klassika ghal kollezzjoni u ghal pregju taghha."[8]

Ikompli jgħid li l-mekkanik kien sab li xi *pushrods* tal-valvijiet mgħawġin u tmienja minn sittax kienu boldijiet bil-kamin minflok *pushrods* kif suppost. Ikompli jgħid li huwa għall-ewwel iffokka fuq il-magna peress li d-difett kien fiha u kien għalhekk li kien qal lill-attur li kien lest jaċċetta l-karozza jekk huwa jinstallalu magna oħra kif suppost tal-1969. Il-konvenut jgħid li huwa kompla r-riċerka tiegħu fuq ic-chassis number u skopra li l-Mustang bħala mudell ma kienx Mach 1 iżda Mustang Fastback b'magna staight six (sitt ċilindri) u mhux magna V8 li kienu joħorġu biha l-Mach 1. Jgħid li l-unika ħaġa li għandha tal-Mach 1 huma l-istickers fuq barra. Il-konvenut jgħid li kieku kien jaf sa mill-bidu illi din il-vettura kienet Ford Mustang komuni u mhux tat-tip Mach 1 ma kienx jitħajjar jakkwistaha u kien jibqa' jinnegozja għal prezz ta' €140,000. Jgħid li l-20 ta' Settembru beda joqrob u beda jipprova jikkomunika ma' l-attur sabiex jara jekk kienx sablu magna kif suppost - u dan għaliex sa dak iż-żmien ma kienx għadu sar jaf li l-body tal-vettura ma kienx Mach 1 iżda ta Mustang komuni – l-attur ma kienx jirrispondih. Qal li huwa kien informa lill-avukat b'dan u fid-19 ta' Settembru 2019 ippreżenta ittra uffiċċjali iżda l-attur baqa' ma deherx fuq il-kuntratt. B'hekk fil-15 t'Ottubru l-avukat tiegħu ppreżenta ittra oħra fil-Qorti fejn permezz tagħha sejjaħ għall-aħħar darba lill-attur jersaq għall-kuntratt bil-vettura fl-istat imwiegħda *"jew inkellha jersaq sabiex jiffirma l-kancellament tal-konvenju, jroddli lura ic-cwievet tal-proprjetà tieghi u jiehu lura l-vettura tieghu minn gol-garax tieghi Hal Luqa [...]"*[9] Jgħid li huwa kien ġie ingannat minn l-attur. Jgħid ukoll i qiegħed jitlob għad-danni li sofra f'kirjiet tal-garaxx. Jgħid li huwa kien jikrih €350 fix-xahar u ppreżenta kopji tal-irċevuti mill-ktieb tal-kera.

18. Xehed il-**Prokuratur Legali Quentin Tanti**, li kien assista lill-konvenut. Jgħid li l-konvenut kien informah li ser ibigħ il-garaxx u li kien ser jagħmel il-konvenju quddiem in-Nutar Malcolm Mangion. Jgħid li huwa

[8] Fol 90 tal-proċess.
[9] Fol 92 tal-proċess. Kopja tal-ittra uffiċċjali a fol 117 tal-proċess.

ikkomunika mal-imsemmi Nutar sabiex jibgħatlu abbozz preliminari tal-konvenju biex itih daqqa t'għajn. Jgħid li ltaqgħu l-uffiċċju tan-Nutar Mangion fis-17 t'April 2019 u sar il-konvenju. Jgħid li dak inhar tal-konvenju, il-kontraenti bdew jiddiskutu ħoss li kienet qiegħda tagħmel il-magna tal-vettura. Jgħid li l-konvenut kien lest li jinżel għal €100,000 basta jakkwista Ford Mustang Mach 1. Jgħid li l-kwistjoni tal-ħoss fil-magna m'għoġbitux lin-Nutar u kien għalhekk issuġerilhom li fil-konvenju jissemma li l-karozza għandha ħoss u saret garanzija minn l-attur li sad-data tal-kuntratt iħallas mekkanik biex jitranġa dan id-difett. Jgħid li huwa jaf li l-vettura ma kinitx ser tkun lesta sad-data tal-kuntratt finali u kien għalhekk li fl-14 t'Awwissu saret estensjoni sad-datata tal-20 ta' Settembru 2019. Ix-xhud fisser li fl-20 ta' Settembru la l-attur u lanqas l-avukat tiegħu ma marru għall-iffirmar tal-kuntratt. Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx ser jiġi ffirmat il-kuntratt finali jew estensjoni fl-20 ta' Settembru ix-xhud jgħid li dik kienet il-ġurnata tal-iskadenza u seta' mar l-attur u jgħidilhom li l-vettura kienet tlestiet. Mistoqsi  jekk kienx raha espert il-vettura qabel ma sar il-konvenju ix-xhud jgħid li safejn jaf hu ma kienx raha espert. Mistoqsi jekk hu kienx ra l-vettura qabel ġie ffirmat il-konvenut, ix-xhud jgħid il hu ma kienx raha iżda kien raha l-klijent tiegħu. Mistoqsi jekk sarx diskors dwar il-possibilità li din tiġi reġistrata bħala *classical car* ix-xhud jgħid li ma kienx hemm diskors ta' dik ix-xorta u lanqas ma tkellmu għalfejn m'hijiex reġistrata bħala *classical car*. Jgħid li l-engine number imniżżel fil-*logbook* m'huwiex fil-fatt l-engine number uniku iżda hija n-numru tal-blokka li m'huwiex uniku. Jgħid li l-magna li kien hemm fil-vettura ma kinitx dik oriġinali iżda kienet għaxar snin aktar antika li kienet tintuża fuq Fords' ta' mudelli differenti. Jgħid li Gauci kien offra lill-attur li jixtri l-magna kif suppost li tiswa madwar €15,000 iżda l-attur irrifjuta li jagħmel hekk.

In kontro-eżami spjega li Mach 1 hija żieda mal-Ford Mustang Coupe. Mistoqsi minn kien inkarigat iqabbad mekkanik, ix-xhud jgħid li l-klijent tiegħu kien indika min jista' irranġa dawk it-tip ta' karozzi. Jgħid li eventwalment irriżulta li l-magna ma kinitx oriġinali u dan ma kienx aċċettabbli għall-konvenut.

19. Xehed **Brian Farrugia**, Direttur in rappreżentanza tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta fejn anke ppreżenta sett ta' dokumenti li jinkludu ritratti kif ukoll *vehicle valuation report* ta' meta daħlet Malta u kif ukoll ittra maħruġa fit-23 ta' Ġunju 2011 fejn l-importatur Jimmy Autodealer ġie infurmat li l-vettura ġiet klassifikata bħala *classic car*. Ix-xhud ġie mistoqsi kif vettura tiġi reġistrata bħala *classic car* ix-xhud fisser li dan isir skont il-Kapitolu 368 u l-Leġislazzjoni Sussidjarja tagħha. Jgħid ukoll li hemm linji gwida ta' x'għandu jitqies sabiex vettura tiġi klassifikata bħala *classic car*. Jgħid li vettura *classic* trid tkun bħal ma ħarġet mill-manifattur kemm jista' jkun jew qrib kif ħarġet. Jgħid li fuq magna trid tkun dik li ħarġet biha u jekk tinkiser jew ikollha tinbidel, din għandha tinbidel għall-istess mudell. Ix-xhud spjega li dak inhar li saritilha l-ispezzjoni mill-Kumitat tal-karozzi klassiċi, l-*inspector* ma sabx l-*engine number* u għamel nota f'dak is-sens. Mistoqsi dwar l-*engine number* ix-xhud fisser li l-manifatturi Amerikani ma jinterrasshomx wisq mill-*engine number* tant li fi żmien kienu jgħattuh biż-żebgħa u anke għaliex kienet titqies bħala *part* bħall-oħrajn. Qal li jekk wieħed jara dokumentazzjoni antika, l-*engine number* ma kienx jiġi kwotat għax mhux essenzjali. Ix-xhud fisser li fl-Ingilterra l-magni tal-vetturi jistgħu jinbidlu mingħajr ma jiġu avżati l-awtoritajiet, però Malta, bidla fil-magna għandha tiġi infurmata lill-Awtoritajiet anke għaliex l-*engine number* huwa mniżżel fil-*logbook*. Ix-xhud spjega li xi kultant titniżżel in-numru tal-blokka u mhux tal-magna.

    In kontro-eżami fisser li huwa l-Kumitat li jiċċertifika vettura *vintage* u jiddetermina l-valur tagħha; m'hijiex l-Awtorità li tagħmel dan. L-Awtorità toqgħod fuq il-valutazzjoni tal-Kumitat imbagħad biex tikkalkula t-taxxa. Mistoqsi jekk il-membri tal-Kumitat, rawx il-magna ix-xhud jgħid li iva u huma kkonkludew li l-magna hija oriġinali għaliex l-applikazzjoni VEH15 huma imlewha. Ix-xhud għamel referenza wkoll għal wara tal-*logbook* Ingliż fejn hemm imniżżel li l-vettura jista' jkollha kwalunkwe magna li fl-1969 il-manifattur kien joħroġ dawn il-vetturi bihom f'dik is-sena partikolari u allura ma jistgħux jitqiegħdu magni ta' 10 snin qabel.

20. Xehed **Anthony Aquilina**, restawratur ta' vetturi antiki, inkarigat mill-konvenut sabiex jispezzjoni l-vettura mertu tal-kawża. Jgħid li huwa sab li

l-magna kienet "*qiegħda ċċekċek u timmisja l-ħarqa mill-exhaust jiġifieiri kien misfiring order*"[10]. Qal li Martin Gauci iddeċieda li ser isewwiha. Spjega li meta beda t-tiswijiet sab li kien hemm partijiet mill-magna mgħawġin u mhux partijiet tal-magna proprja eżempju flok *pushrods* sab boldijiet iggrandjati li kkawżaw aktar ħsara. Jgħid li huwa imbagħad iltaqa' ma' problema oħra li hija li meta mar biex jordna l-parts ghal dik il-magna huwa ma setax isib l-*engine number* u għalhekk ma setax jordna parts għaliha. Jgħid ukoll li sab ukoll li kien hemm qasma li bdiet tnixxi l-ilma li ma setax isib fejn kienet, ix-xhud qal li huwa kkonkluda li ma kienx vijabbli li jsir tiswijiet fuq din il-magna.

In kontro-eżami fisser li anke kieku kellhom in-numru tal-magna is-sogru li jinvestu flus fuqha kien qawwi ħafna għaliex il-qasma li minnha bdiet tnixxi ser tibqa hemm u jibqa' bil-problema li l-vettura ma jistax jużaha. Mistoqsi min kien preżenti meta huwa żarma l-magna, ix-xhud jgħid li kien waħdu imbagħad meta sab id-diffikultajiet huwa ikkuntattja lill-partijiet. Mistoqsi jekk l-*engine number* huwiex importanti, ix-xhud jgħid li huwa importanti ħafna għaliex il-*parts* jiġu mixtriha skont dak in-numru.

In ri-eżami ġie mistoqsi jekk l-attur opponiex għal xi ħaġa li kien qiegħed jagħmel, ix-xhud qal li l-attur ma kellu ebda problema anzi reġa' tah il-barka biex ikompli isewwi.

Ikkunsidrat;

**Fatti pertinenti**

21. B'konvenju tas-17 t'April 2019 imħejji min-Nutar Malcolm Mangion, il-venditur, il-konvenut Martin Gauci, intrabat li jbiegħ u jittrasferixxi lill-kumpratur l-attur Ahmad Alshab li kien qiegħed jintrabat li jixtri u jakkwista l-garaxx immarkat bin-numru 6, aċċessibbli minn Triq il-Ballut, Sliema, fil-livell terran, mingħajr arja tiegħu, sovrapost blokk appartamenti bl-isem ta' Maria Flats, flimkien mal-bir sottopost u bis-sottosuol tal-garaxx kollu, flimkien mal-bitħa retroposta.

---

[10] Fol 198 tal-proċess.

22. Dwar il-prezz jingħad hekk fil-konvenju:

"mitt elf Ewro (€100,000) mil-liema somma il-Kumpratur qieghed ihallas **depożitu** permezz tal-**ghotja tal-pussess tal-vettura** tal-ghamla Ford Mustang Coupe u li ghandha numru ta' reġistrazzjoni BCD 894, u *chassis number* 9T02T168411 u tali vettura qeghda hawn tiġi bonarjament ivvalutata mill-partijiet **fl-istat attwali taghha** ghas-somma tal tletin elf Ewro (€30,000), u liema pussess tal-vettura preżentement qed jiġi mghoddi illum lil-Venditur bil-patt li tali vettura ma tintużax u tibqa ġewwa f'garaxx tal-Venditur tul il-mori tal-konvenju. Il-logbook gie iffirmat mill-Kumpratur bil-lest u qed jiġi mghoddi prezentament lill-Venditur. Il-Kumpratur **jiggarantixxi** a favur il-venditur li tali vettura **m'ghandhiex difetti latenti**. It-trasferiment tal-vettura isehh fil-gurnata tal-att finali. Il-bqija tal-ammont u ċioe sebghin elf Ewro (€70,000) jithallsu minghajr imghax fil-gurnata tal-kuntratt finali. Illi l-partijiet jiddikjaraw li bhalissa filwaqt li l-magna qeghda tahdem, tidher li ghandha bżonn espert sabiex **jivverifika ghalfejn il-magna ma hijiex qeghda tahdem perfettament kif suppost** u ghal dan il-ghan il-Kumpratur qed hawnhekk iqabbad lil Venditur sabiex iġib esperti halli jaghmlu r-riparazzjonijiet neċessarji a spejjez tal-istess Kumpratur wara li jiġi avzat bl-ammont tal-istess u dan sabiex tali magna tiġi rippristinata u tahdem kif suppost."[11]

23. Fuq il-konvenju l-partijiet ftehmu li pendenti l-pubblikazzjoni tal-kuntratt l-attur jieħu l-pussess vakanti tal-garaxx:

"b'dana li filwaqt li l-pussess tal-proprjeta qed jghaddi ghand il-Kumpratur b'effett immedjat tali pussess hu biss wiehed fuq tolleranza a bazi tal-fatt li l-ezekuzzjoni tal-att finali hu wiehed imminenti u kemm il darba ghal kwalunkwe raġuni l-att ma jiġix ippubblikat l-Kumpratur ma jifdallu l-ebda jedd residwali fuq l-istess garage. [...] In kontrakambju kemm il darba l-Att finali ma jiġix ippubblikat l-Venditur sempliċiment ikun obbligat li jirrestitwixxi lura l-vettura lil Kumpratur

[11] Fol 5 a tergo tal-proċess. Enfasi u Sottolinear tal-Qorti.

fl-istat li hu llum jew wara li l-magna tigi imsewwija kif hawn fuq inghad u l-Venditur ma jkollu l-ebda jedd li jitlob l-ebda forma ta' kumpens ghall-iggaraxjar temporanju jew ghal kwalunkwe xoghol li l-vendituri ikun lahaq wettaq fuq il-vettura."[12]

24. Dan il-konvenju kien oriġinarjament validu għal erba' xhur iżda fl-14 t'Awwissu 2019 ġie mġedded sal-20 ta' Settembru 2019.

25. L-attur kien sid ta' vettura Ford Mustang tal-1969 li kienet tinsab igaraxxjata għand wieħed ċertu George Louise Vella, is-sid preċedenti ta' din il-vettura. Il-konvenut huwa kollezzjonist tal-vetturi klassiċi / antiki u bħal dik il-karozza ma kellux. Kien minħabba f'hekk li sar ftehim bejn il-partijiet li d-depożitu li jagħmel l-attur fuq il-konvenju jkun permezz ta' din l-imsemmija vettura li ġiet ivvalutata mill-partijiet stess fis-somma ta' tletin elf ewro (€30,000). Qabel sar il-konvenju, il-konvenut flimkien ma' ibnu mar jara l-vettura. Jidher li din il-vettura flewha sew u anke semgħu l-magna taħdem u kienu kuntenti b'dak li raw u semgħu tant li kienu infurmaw lil Ahmad Alshab li kienu ser jibgħatu *tow truck* l-għada sabiex jiġborha. Għal din l-ispezzjoni, il-konvenut ma ħa ebda espert miegħu iżda qgħad fuq dak li jaf hu.

26. Il-konvenju sar xi jiem wara li l-konvenut ħa l-vettura fil-pussess tiegħu. Mill-provi jidher li dak inhar li sar il-konvenju quddiem in-Nutar Mangion, l-attur ġie nfurmat mill-konvenut u / jew mill-avukat li kien miegħu għall-konvenju li l-magna tal-vettura kienet qiegħda titriegħed u kien jeħtieġ li jiġi mqabbad mekkanik sabiex jaraha u jagħmel tiswijiet meħtieġa a spejjeż tal-attur. L-attur ma sabx oġġezzjoni għal dan. Din il-kundizzjoni tniżżlet fil-konvenju.

27. Fuq il-konvenju il-kontraenti qablu li l-venditur għandu iqabbad espert ħalli jagħmel ir-riparazzjonijiet neċessarji. Kien għalhekk li l-konvenut ħa l-vettura għand il-mekkanik Anthony Aquilina. Waqt li kien qiegħed jispezzjona l-vettura Aquilina sab li l-magna kienet qiegħda ċċekċek u timmisja l-ħarqa mill-*exhaust*. Mill-provi jirriżulta li l-konvenut, bi qbil

---

[12] Fol 6 tal-proċess.

mal-attur, informa lill-mekkanik Aquilina li l-magna kellha ssirilha t-tiswijiet meħtieġa. Ġara iżda li peress li l-*engine number* (mhux il-*block* number li huwa numru kompletament differenti – in-numru imniżżel fuq il-*logbook* attwalment huwa l-*block number*) ma setax jinstab, il-mekkanik ma setax jixtri l-*parts.* Il-mekkanik lanqas ma' seta' juża c-*chassis number* stante li rriżulta wkoll li l-magna li kienet tinsab fil-Mustang ma kinitx dik li ħarġet biha mill-fabbrika. Il-mekkanik sab ukoll li kien hemm qasma fil-magna li minnha kien qiegħed inixxi l-ilma u li ma setax isib minn fejn u għalhekk ma kienx ikun vijabbli xorta waħda li l-magna tissewwa.

28. Minħabba fid-difett misjub fil-vettura l-konvenut talab lill-attur iħallas is-somma addizzjonali ta' ħmistax-il elf Ewro ( €15,000), oltre s-somma maqbula fuq il-konvenju, u dan sabiex tinbidel il-magna. Il-konvenut irrifjuta u minflok offrilu li flok jgħaddilu l-vettura bħala parti mill-prezz, jieħu l-vettura lura u jħallsu s-somma ta' €100,000 bħala prezz tal-garaxx. Il-konvenut min-naħa tiegħu jinsisti li jekk huwa mhux ser jieħu l-vettura mela allura l-prezz tal-garaxx ma jibqax dak ta' mitt elef ewro (€100,000) iżda jkun ta' mija u erbgħin elf ewro (€140,000) u dan għaliex huwa aċċetta li jnaqqas il-prezz oriġinarjament mitlubn ta' €140,000 għal €100,000 peress li xtaq ħafna li jżid mal-kollezzjoni tiegħu l-vettura tal-attuir.

29. Jirriżulta wkoll li dwar il-vettura kien hemm kwistjoni oħra rigward il-mudell tal-vettura. Fuq il-konvenju l-vettura ġiet indikata bħala Ford Mustang Coupe. Il-vettura kellha mwaħħlin magħha stickers tal-Mach 1 iżda skont il-konvenut din attwalment m'hijiex Mach 1 imma Mustang normali. Mill-atti jidher li għalkemm fil-bidu kien lest li jżomm il-vettura basta tinbidel il-magna sabiex tiġi taħdem kif suppost, wara li sar jaf li l-anqas il-vettura ma attwalment kienet Mach 1, huwa biddel fehmtu tant li ma jridx aktar din il-vettura. Il-konvenut jinsisti li in vista ta' dan kollu l-attur ma jistax jagħtih dak li wiegħda li ser itih.

30. Il-partijiet issalvagwardjaw il-jeddijiet tagħhom billi intavolaw diversi ittri uffiċjali. L-ewwel ittra uffiċċjali ġiet intavolat fis-17 ta' Settembru 2019 fejn l-attur bagħat ittra ai termini tal-Artikolu 1357 (2) fejn interpella lill-

konvenut sabiex "entru l-iskadenza msemmija taddevjeni ghall-pubblikazzjoni tal-att finali tat-trasferiment in kwistjoni, u dan taht l-istess prezz u kundizzjonijiet imsemmija fil-konvenju ta' sbatax (17) ta' April tas-sena elfejn u dsatax (2019) hawn fuq imsemmi."[13] It-tieni ittra uffiċċjali iġib id-data tad-19 ta' Settembru 2019 fejn Martin Gauci ippreżenta ittra uffiċċjali ai termini tal-Artikolu 1357 li permezz tagħha interpella lill-attur Ahmad Alshab "sabiex sa mhux aktar tard mit-tletin (30) ta' Settembru 2019 inti tersaq ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgħ relattiv, bil-kundizzjonijiet kif dettaljati fl-imsemmi konvenju, u jekk ma jsirx jittieħdu passi ulterjuri legali u ġudizzjarji kontrik skond il-Liġi."[14] Din l-ittra uffiċċjali ma ġietx notifikata lill-attur. Sussegwentement, fil-15 t'Ottubru 2019, il-konvenut Martin Gauci ippreżenta t-tieni ittra uffiċċjali kontra l-attur Ahmad Alshab fejn din id-darba fisser hekk:

> "Illi kif ben taf, sal-gurnata tal-lum inti minitx f'posizzjoni li tonora l-obbligi tieghek u ċioe, illi taghmel dak kollu neċessarju sabiex il-vettura Ford Mustang b'numru ta' reġistrazzjoni BCD 894 – li kienet parti fundamentali mill-ftehim – tkun hielsa minn kwalsaisi difett sad-data tal-iffirmar, liema fatt kien u huwa determinanti fl-accettazzjoni tal-mittenti sabiex ibeghlek il-garaxx fuq imsemmi.
>
> Ghaldaqstant inti qieghed hawn tiġi interpellat sabiex sa mhux aktar tard mill-ghoxrin (20) t'Ottubru, 2019 inti jew tersaq ghal kuntratt finali bil-vettura de quo fl-istat mwieghed jew altrimenti tersaq sabiex tiffirma l-kancellament tal-konvenju, trod ic-cwievet tal-garaxx proprjetà tal-mittenti lura lilu u tiehu il-vettura tieghek Ford Mustang b'numru ta' reġistrazzjoni BCD 894 lura minn gol-garaxx tal-mittenti ġewwa Hal Luqa.
>
> Kun avżat li fin-nuqqas li tottempera ruhek ma dak mitlub minnek, il-mittenti sejjer jiddepożita tali vettura formalment il-Qorti a spejjez

[13] Fol 13 tal-proċess. Ittra uffiċċjali ġiet notifikata lill Martin Gauci fis-19 ta' Settembru 2019.
[14] Fol 30 tal-proċess.

tiegħek u jistitwixxi kull proċeduri legali u ġudizzjarja opportuna fil-konfront tiegħek skond il-Liġi."[15]

Din l-ittra uffiċċjali wkoll ma ġietx notifikata lill-attur.

31. Sussegwentement l-attur intavola l-kawża odjerna fejn qiegħed jitlob lill-Qorti tordna lill-konvenut jersaq għall-kuntratt finali. Min-naħa l-oħra l-konvenut jeċċepixxi li dan ma jistax isir stante li l-attur ma tahx dak li wiegħdu fil-konvenju. Kien għalhekk li l-konvenut ressaq talba rikonvenzjonali fejn ippremetta li ġaladarba l-attur rikonvenzjonat ma jistax itih dak li wiegħdu mingħajr difetti u konformi mad-deskrizzjoni relattiva, il-kuntratt finali m'għandux isir u talab lill-Qorti sabiex tordna lill-attur rikonvenzjonat jirrilaxxa u jirritorna l-pussess vakanti tal-garaxx li sar il-konvenju fuqu. Talab ukoll il-ħlas ta' kumpens rappreżentanti żamma bla titolu tal-fond in kwistjoni għal perjodu bejn is-17 t'April 2019 sad-data tar-rilaxx effettiv.

Ikkunsidrat

32. Fil-kors tas-smigħ tal-kawża l-Qorti nnominat lill-espert tekniku Natalino Agius sabiex jirrelata dwar il-vettura de quo agitur. Fir-rapport tiegħu huwa għamel is-segwenti osservazzjonijiet:

   i. "Ghalkemm din [b'referenza għall-vettura] ghandha kitba bhala MACH 1 Model din ma ijiex hekk ghax biex tkun hekk il Code tal-Magna fin-numru ta' identifikazzjoni jrid ikun differenti."[16]

   ii. "Kull vettura ta' din l-ghamla mill-manifattur harget bi sticker fuq il-pilastru hdejn ix-xuffier. Din tiddeskrivi l-mudell bid-dettalji speċifiċi tal-vettura li hija mwahhla maghha. Ghal xi raġuni li ma hijiex maghrufa din l-isticker ma ghadiex tinstab mwahhla ma din il-

[15] Fol 32 tal-proċess. Ittra uffiċċjali mhux notifikata.
[16] Fol 219 tal-proċess.

vettura. Wiehed jista japplika ghalija imma kif wiehed jista jara l-kwistjoni tal-magna hija konoxxuta min-Numru ta' *chassis.*"[17]

iii. "Huwa importanti hafna li wiehed ikun jaf li mill-istharrig li ghamilt skont in-numru ta' l-identifikazzjoni tal-vettura l-magna li ghandha din il-karozza rreġistrata ma hijiex il-magna li oriġinarjament harget biha. Dan il-fatt johrog billi l-magna li ghandha bhal issa hija ta' ghamla Ford Mustang imma hija V8 mentri l-magna oriġinali mill-fabrika skond chassis number hija straight 6 [6 cylinder]. Il-kodici tal-magna li harget din il-karozza biha hija [T] din tirrapreżenta magna Standard 115hp 200ci 6-Cyl u mhux V8. Il-magna li ghandha bhal issa hija V8 kif gie stabbilit waqt l-ispezzjoni li saret."[18]

iv. "Ta' min jghid li l-magna ġiet spezzjonata ghand mechanic li zarmaha, inzid nghid li skond il-partijiet internali tal-magna ġejt muri din il-magna ma setghatx kienet tahdem tajjeb. Xi partijiet nsabu mawgin kif ukoll xi partijiet gew sostitwiti b'boldijiet oriġinarji. Suppost dawn il-partijiet jghaddi minnhom iz-zejt imma dawn il-boldijiet ma ghandhomx minn fejn jghaddi iz-zejt."[19]

L-espert Natalino Agius wara li għamel dawn il-konsiderazzjonijiet wasal għas-segwenti konklużjonijiet:

"[...] niddikjara li l-magna li ghandha fuq[h]a din il-karrozza ma hijiex il-magna originali li harget biha imma f'xi żmien din giet mibdula. Barra minn dan il-fatt wara l-ispezjoni li saret ghand il-mechanic irriżulta li *Code* tal-magna ma setghax jinstab u minhabba f'hekk il-partijiet interjuri li ma humiex originali u bil-hsara wiehed ma jistax jasal biex jordnahom. Dan billi normalment l-*parts* jiġu ordnati jew bix-*xhassis number* jew bil-Code tal-magna."[20]

---

[17] Fol 222 tal-proċess.
[18] Fol 225 tal-proċess.
[19] Fol 226 tal-proċess.
[20] Fol 230 tal-proċess.

**Konsiderazzjonijiet**

33. Il-Qorti tibda billi tikkunsidra n-natura tal-ftehim ta' bejn il-partijiet b'mod partikolari jekk jaqax in parte taħt l-istitut ta' tpartit.

34. Tpartit huwa kuntratt li bih il-partijiet jobbligaw ruħhom li jagħtu lil xulxin ħaġa li ma tkunx flus. Tpartit, bħal bejgħ, isir bil-kunsens.[21] Il-liġi tikkontempla wkoll għal dawk is-sitwazzjonijiet fejn mal-oġġett impartat ikun hemm ukoll żieda ta' flus u dan huwa regolat taħt l-**Artikolu 1486 tal-Kapitolu 16** li jipprovdi hekk:

> "(1) Il-kuntratt jibqa' jitqies bħala kuntratt ta' tpartit, għalkemm jiġi msemmi l-valur tal-ħwejjeġ li l-partijiet jintrabtu li jagħtu lil xulxin jew għalkemm waħda mill-partijiet tintrabat li tagħti, flimkien mal-ħaġa, żjieda fi flus.
>
> (2) B'dan kollu, jekk is-somma ta' flus li waħda mill-partijiet tintrabat li tħallas, tkun taqbeż il-valur tal-ħaġa li dik il-parti tintrabat li tagħti, il-kuntratt jitqies bħala xiri u bejgħ għall-ħwejjeġ kollha illi l-partijiet ikunu ntrabtu li jagħtu lil xulxin."[22]

35. Ma' dan jinqara wkoll l-**Artikolu 1352 (2) tal-Kodiċi Ċivili** li jipprovdi "*Madankollu, il-kuntratt jibqa' ta' bejgħ jekk, mas-somma ta' flus miftiehma, ix-xerrej jobbliga ruħu li jagħti xi ħaġa in natura bħala żjieda mal-prezz.*"

36. Barra minn hekk, il-leġislatur ħaseb ukoll għal tpartit ta' ħaġa mobbli ma' oħra immobbli[23] iżda f'dak il-każ, il-kuntratt ma jiswiex jekk ma jsirx b'att pubbliku[24].

37. Huwa għaldaqstant evidenti li għalkemm l-attur ħallas id-depożitu fuq il-konvenju permezz ta' vettura, il-kuntratt xorta għandu jitqies bħala

---

[21] Artikolu 1485 tal-Kodiċi Ċivili.
[22] Sottolinear tal-Qorti.
[23] Artikolu 1488 tal-Kapitolu 16.
[24] Artikolu 1489 tal-Kapitolu 16.

wieħed ta' xiri u bejgħ. Imiss għalhekk li jiġu meqjusa l-prinċipji tal-kuntratt ta' bejgħ anke għaliex l-azzjoni tal-attur m'hi xejn għajr waħda għal eżekuzzjoni ta' wegħda ta' bejgħ.

38. In prinċipju huwa ben saput li l-wegħda ta' xiri u bejgħ f'att ta' konvenju tnissel f'kull waħda mill-partijiet rabta lejn il-parti l-oħra li l-wegħda mogħtija tinżamm. Sakemm ma jkunx għadu ġie ppublikat il-kuntratt tax-xiri u bejgħ, dik ir-rabta tkun għadha wegħda. Wegħda li l-parti l-oħra tista' tisħaq li titwettaq ladarba jkunu jissussistu l-kundizzjonijiet xierqa u ladarba t-talba ssir bil-mod u fiż-żmien maħsub fil-liġi. Il-konvenju jnissel ukoll effetti ta' obbligazzjoni ċivili.

39. Fi kliem ieħor il-konvenju huwa dak il-ftehim preliminari milħuq bejn żewġ partijiet, li permezz tiegħu dawn jobbligaw ruħhom u jintrabtu li aktar 'il quddiem jidħlu f'kuntratt ta' xiri-u-bejgħ skont il-kundizzjonijiet li jkunu ftiehmu fil-ftehim preliminari.[25]

40. Sabiex parti bi dritt ma tersaqx għall-kuntratt meta nterpellata, tkun trid turi li teżisti raġuni valida, jew ostakolu mpeditiv jew motiv ġust ta' resiliment.[26]

41. Il-wegħda ta' bejgħ hija regolata bl-**Artikolu 1357 tal-Kodiċi Ċivili** li jipprovdi illi:

> "(1) Il-wegħda ta' bejgħ ta' ħaġa bi prezz determinat, jew bi prezz li għandu jiġi stabbilit minn persuna waħda jew iżjed bħalma jingħad fl-artikoli ta' qabel dan, ma titqiesx bejgħ; iżda, jekk tiġi aċċettata, iġġib, f'dak li wiegħed, l-obbligu li jagħmel il-bejgħ, jew, jekk il-bejgħ ma jkunx jista' iżjed isir, l-obbligu li jħallas id-danni lill-accettant.

---

[25] Ara **Martin Chetcuti et vs. Rosario Gatt et** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru 2008 u **Mojca Zammit Briffa vs. Ivan Vella et** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Marzu 2022 ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-26 t'Ottubru 2022.

[26] **Raphael Attard Flores et vs. Kinematics Limited** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fl-20 t'April 2006.

(2) L-effett ta' din il-wegħda jispiċċa meta jagħlaq iż-żmien miftiehem bejn il-partijiet għal hekk jew, jekk ma jkun hemm ebda ftehim bħal dak, meta jgħaddu tliet xhur minn dak inhar li l-bejgħ ikun jista' jsir, kemm-il darba l-aċċettant ma jsejjaħx lil dak li wiegħed, b'att ġudizzjarju ppreżentat qabel ma jgħaddi ż-żmien applikabbli kif intqal qabel, sabiex jagħmel il-bejgħ, u kemm-il darba, fil-każ li dak li wiegħed jonqos li jagħmel hekk, it-talba b'rikors ġuramentat sabiex titwettaq il-wegħda ma tiġix ippreżentata fi żmien tletin jum minn meta jagħlaq l-imsemmi żmien."

42. Kif osservat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawża **Ciro Del Negro et vs. Victor Grech**, deċiża fl-10 ta' Jannar 1994:

"L-Artikolu 1357 tal-Kap. 16 jippreskrivi li l-effett ta' weghda ta' bejgh jispicca **meta jaghlaq iz-zmien miftiehem** bejn il-partijiet ghalhekk... kemm-il darba l-accettant ma jsejjahx lil dak li wieghed, b'att gudizzjarju **pprezentat qabel ma jghaddi z-zmien** applikabbli kif intqal qabel, sabiex jaghmel il-bejgh, u kemm-il darba, fil-kaz li dak li wieghed jonqos li jaghmel hekk, it-talba b'citazzjoni sabiex titwettaq il-weghda ma tigix ipprezentata fi zmien tletin jum minn meta jaghlaq l-imsemmi zmien."

43. Għaldaqstant sabiex konvenju jinżamm fis-seħħ hemm żewġ proċeduri li jridu jittieħdu – il-preżentata tal-ittra uffiċċjali u fin-nuqqas ta' ffirmar tal-kuntratt finali, intavolar ta' proċeduri ġudizzjarji – u jekk ma jittieħdux it-tnejn, il-konvenju jiskadi anke bħala titolu ta' obbligazzjoni.

44. Fil-każ odjern m'huwiex ikkontestat li l-kumpratur bagħat ittra uffiċċjali fis-17 ta' Settembru 2019 u l-konvenut bagħat ittra uffiċċjali fid-19 ta' Settembru 2019, it-tnejn għalhekk qabel għalaq iż-żmien miftiehem, l-20 ta' Settembru 2019. B'dawn l-ittri uffiċċjali l-effetti tal-konvenju ġew estiżi bi tletin jum. Issir referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-kawża **Maria Bianchi et vs. JMA Developments Ltd et** (Rik App 210/1997) deċiża fis-26 ta' Mejju 2006, meta qablet mal-interpretazzjoni tal-ewwel Qorti fis-sens li:

"a tenur ta' l-Artikolu 1357(2) tal-Kap. 16 gialadarba tigi pprezentata ittra ufficjali qabel ma jiskadi t-terminu tal-konvenju, dan l-att gudizzjarju jestendi l-effetti tal-konvenju ghal perjodu ta' xahar sakemm jew l-accettant jaghzel li jersaq ghall-kuntratt entro dak ix-xahar jew altrimenti sakemm tigi prezentata l-azzjoni fejn jintalab li l-accettant (ossia dak li jkun wieghed) iwettaq il-weghda li jkun ghamel permezz tal-konvenju."

45.Mill-atti jidher li kien ġie ffissat appuntament quddiem in-Nutar Malcolm Mangion għall-20 ta' Settembru 2019 għal-liema appuntament deher il-konvenut Martin Gauci iżda l-attur baqa' ma deherx. Din il-Qorti m'għandhiex informazzjoni dwar jekk l-attur kienx jaf b'dan l-appuntament anke għaliex il-korrispondenza ppreżentata u li tinsab a fol 130 sa 133 hija korrispondenza skambjata bejn in-Nutar u l-Prokuratur Legali Quentin Tanti għan-nom tal-konvenut. Dak li l-Qorti tislet mill-provi huwa li l-attur kien informa lill-konvenut li huwa kien ser ikun imsiefer u ma setax jattendi fl-20 ta' Settembru jekk il-kuntratt finali kien ser isir dak inhar u jekk kellu jsir il-kuntratt finali kellu jsir qabel dik id-data.

46.Il-Qorti tosserva wkoll iżda li nonostante li t-terminu ġie estiż ma jidhirx li ġie ffissat appuntament ieħor. L-attur intavola l-azzjoni odjerna fil-15 ta' Ottubru 2019 sabiex b'hekk huwa baqa' fit-terminu stabbilit mil-liġi ta' tletin jum minn meta għalaq id-data miftiehma.

47.Mill-fatt waħdu li l-konvenut ippreżenta ittra ufficċjali fid-19 ta' Settembru 2019 fejn interpella lill-attur sabiex jersaq għall-kuntratt finali kif ukoll mill-fatt li huwa deher quddiem in-Nutar Mangion fl-20 ta' Settembru 2019 huma turija tal-intenzjoni tal-konvenut li jersaq għall-kuntratt finali taħt il-kundizzjonijiet miftiehma fuq il-konvenju. Il-konvenut jinsisti li kien l-attur li ma resaqx għall-kuntratt finali u mhux hu.

48.Huwa evidenti mill-qari tar-risposta ġuramentata u anke mit-talba rikonvenzjonali li dan il-litiġju tnissel fuq allegazzjoni da parti tal-konvenut

li l-attur naqas milli jħares il-kundizzjoniji imwiegħda minnu fuq il-konvenju referibbli għall-vettur hemm imsemmija.

49. Kif ġie dikjarat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża **Joseph Muscat vs. Sebastian Muscat et** deċiża fil-25 ta' Frar 2021 (mhux appellata):

> "Ġeneralment, biex raġuni twassal lil parti biex tintitolaha ma tersaqx għal kuntratt, trid tkun waħda li jew iġġib ħsara kbira lil dik il-parti [App. Inf. 23.11.2005 fil-kawża fl-ismijiet **Brinx Ltd. vs Francis Said et;** u Maġ (Għ) AE 7.1.2008 fil-kawża fl-ismijiet **George Farruġia et v. Paċifika Masini et**], jew tmur kontra dak li jkun miftiehem fil-wegħda preliminari [Ara, per eżempju, App. Ċiv. 6.10.2000 fil-kawża fl-ismijiet **Micallef v. Axiaq et** (Kollez. Vol: **LXXXIV.ii.514**)], jew fejn il-kuntratt ma jkunx sejjer jiswa. B'mod partikolari, tqis li fejn kundizzjoni miftehma mill-partijiet fil-konvenju jkun jidher ċar li m'hijiex se' sseħħ, din kienet raġuni tajba biex ix-xerrej jonqos li jersaq għall-kuntratt [P.A. RCP 30.5.2002 fil-kawża fl-ismijiet **Carmelo Cassar Ltd v. Joseph Beżżina et** (konfermata fl-Appell fit-12.10.2006)]. Tajjeb li jingħad ukoll li raġuni tajba trid tkun waħda li ma tkunx tiddependi mill-parti nnifisha u, ħaġa żgura, ma tridx tkun ir-riżultat tal-mala fidi tagħha [Ara, per eżempju, P.A. TM 25.3.2004 fil-kawża fl-ismijiet **David Falzon v. Mario Formosa et**]. Hekk ukoll huwa miżmum li m'hijiex raġuni tajba biex wieħed jonqos li jersaq għall-bejgħ fid-dawl ta' ċirkostanza barranija li tkun seħħet wara li jkun sar il-konvenju [App. Ċiv. 31.5.2004 fil-kawża fl-ismijiet **Paul Scicluna v. Mons Nikol G. Cauchi noe et**];
>
> Illi biex jista' jingħad li parti kellha raġuni tajba biex ma tersaqx għall-kuntratt, ir-raġuni tajba li żżommha milli tagħmel dak il-pass trid tkun għadha teżisti saż-żmien meta l-kuntratt "ma jkun jista' iżjed isir". Jekk ir-raġuni titneħħa minħabba xi żvilupp li jseħħ wara (per eżempju, jekk il-bejjiegħ iseħħlu jikseb permess tal-bini wara li jagħlaq il-konvenju li għall-ħruġ tiegħu dak il-konvenju kien suġġett), ma jkunx jista' jingħad li x-xerrej ma kellux raġuni tajba biex ma jersaqx għall-kuntratt [Ara App. Ċiv. 25.5.2001 fil-kawża fl-ismijiet **Galea et v. Calleja pro et noe** (Kollez. Vol : **LXXXV.ii.324**)];

Illi m'għandux ikun hemm dubju li, jekk kemm-il darba l-wegħda ta' xiri-u-bejgħ tkun suġġetta għal xi kundizzjoni u dik il-kundizzjoni ma tkunx inkisbet saż-żmien meta l-konvenju jista' jkun eżegwit, nuqqas bħal dak jikkostitwixxi raġuni tajba biex ix-xerrej jagħżel li ma jersaqx għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt. Min-naħa l-oħra, ix-xerrej għandu dejjem l-għażla li kundizzjoni bħal dik li tkun favurih jirrinunzja għaliha u jagħżel li xorta waħda jersaq għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt mingħajr ma tkun għadha twettqet dik il-kundizzjoni [Maġ. (Għ) AE 27.10.2009 fil-kawża fl-ismijiet **Paul Pisani pro et noe v. Maurice Borġ et** (mhix appellata)]. B'mod partikolari, meta xerrej li jwiegħed li jixtri ma jasalx biex ikollu flus biżżejjed biex iwettaq il-wegħda tiegħu, din ma tistax titqies bħala raġuni tajba biex joħroġ mir-rabta tal-konvenju jew biex ma jersaqx għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt. F'ċirkostanza bħal din, hija iżjed kwestjoni ta' għażla li jkollu jagħmel il-bejjiegħ jekk jibqax jisħaq fuq il-pubblikazzjoni tal-kuntratt meta jaf jew jista' jaħseb li l-prezz miftiehem mhux ser jitħallas;"

50. Konvenju huwa ftehim li permezz tiegħu il-bejjiegħ prospettiv jidħol f'obbligu dirett mal-akkwirent prospettiv, li jbiegħ l-immobbli lill-akkwirent, u li kemm-il darba jonqos minn tali obbligu l-akkwirent prospettiv għandu kull jedd jitlob l-eżekuzzjoni furzata tiegħu. L-obbligi tal-kontraenti huma biss dawk stipulati fuq il-konvenju u xejn aktar. Il-bejjiegħ prospettiv huwa tenut jersaq għall-kuntratt taħt il-kundizzjonijiet miftehma fuq il-konvenju.

51. Fil-każ odjern, diversi huma l-kundizzjonijiet miftiehma imma f'dan l-istadju l-aktar kundizzjoni relevanti hija l-ewwel waħda li tipprovdi li sar "**<u>depożitu</u>** permezz tal-ghotja tal-**<u>pussess</u>** tal-vettura tal-ghamla Ford Mustang Coupe [...] u tali vettura qeghda hawn tiġi bonarjament ivvalutata mill-partijiet **<u>fl-istat attwali taghha</u>** ghas-somma tal tletin elf Ewro (€30,000) [...]. Il-Kumpratur **<u>jiggarantixxi</u>** <u>a favur il-venditur li tali vettura</u> **<u>m'ghandhiex difetti latenti.</u>** [...] Illi l-partijiet jiddikjaraw li bhalissa filwaqt li l-magna qeghda tahdem, tidher li ghandha bżonn espert sabiex **<u>jivverifika ghalfejn il-magna ma hijiex qeghda tahdem perfettament kif</u>**

**suppost** u ghal dan il-ghan il-Kumpratur qed hawnhekk iqabbad lil Venditur sabiex iġib esperti halli jaghmlu r-riparazzjonijiet neċessarji a spejjez tal-istess Kumpratur wara li jiġi avzat bl-ammont tal-istess u dan sabiex tali magna tiġi rippristinata u tahdem kif suppost."[27]

52. Il-ftehim prinċipali huwa l-bejgħ tal-proprjetà immobbli filwaqt li l-vettura Ford Mustang daħlet in xena bħala depożitu akkont.

53. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu l-attur jgħid li "*minn analiżi analitika tal-konveju l-valur attribwit lil vettura gie dikjarat bhala depożitu mill-prezz ta' l-immobbli u ċioe tal-garaxx u ghalhekk fuq l-att finali kellu jithallas l-ammont ta' sebghin elf ewro (€70,000). Jirrizulta ghalhekk illi l-ezami li ghandha taghmel din l-Onorabbli Qorti huwa jekk il-konvenju dwar il-bejgh ta' l-immobbli kienx kondizzjonat mill-bejgh tal-vettura li l-obbligazzjoni ta' bejn il-partijiet u ċioe il-weghda tal-konvenut li jbiegh il-garaxx u l-weghda tal-attur li jixtri l-garaxx skond il-konvenju ghandhiex tiġi eżegwita indipendentement mill-vettura stante li l-valur tal-vettura gie mehud bhala depożitu u ghalhekk il-bejgh taghha skond il-ligi huwa perfezzjonat*."[28] Fl-imsemmija nota l-attur insista li l-vettura ġiet mibjugħa lill-konvenut u dan għaliex il-*logbook* tal-vettura għadda għand il-konvenut mingħand l-attur kif ukoll għaliex fuq dan l-imsemmi dokument l-attur iffirmat taħt il-kolonna intestata 'Firma tal-Bejjiegh'. Fir-rigward ta' dan saret referenza għas-sentenza **Cranes and Comercial Sales Ltd vs. Lawrence Micallef** deċiża mill-Prim'Awla fis-17 ta' Novembru 2003.

54. Il-Qorti tinnota li l-fattispeċi tal-kawża imsemmija huma kompletament differenti minn dawk tal-kawża odjerna. F'dik il-kawża kien sar kuntratt ta' bejgħ bi tpartit bejn żewġ vetturi - la kien hemm il-ħtieġa li jsir konvenju u lanqas ma kienet ingħatat xi vettura bħala depożitu akkont.

55. Kuntrarjament għal dak li qiegħed jiġi sottomess mill-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, hawn non si tratta ta' bejgħ ta' vettura li ġie finalizzat u li għandhom japplikaw l-Artikolu 1424 et seq tal-Kapitolu 16.

---

[27] Fol 5 a tergo tal-proċess.
[28] Fol 244 – 245 tal-proċess.

Il-Qorti tqis li hawn si trattata ta' vettura mogħtija bħala depożitu akkont (minflok depożitu bi flus kif ġeneralment isir). Apparti li huwa l-konvenju stess li jistipula dan, il-konvenju jipprovdi wkoll li l-kumpratur ta biss lill-konvenut il-pussess tal-vettura u mhux l-*ownership* tagħha. In oltre fit-tieni kundizzjoni ġie maqbul, li jekk għal xi raġuni l-kuntratt finali ma jsirx, il-venditur għandu jirrestitwixxi lura l-vettura. Il-Qorti għaldaqstant tqis li ġaladarba l-bejgħ għadu mhux konkluż, hija ma tistax tistrih fuq id-dispożizzjonijiet applikabbli għal meta l-bejgħ ikun finalizzat inkluż il-provedimenti dwar il-garanzija ta' difett li ma jidhirx, u ċioe l-Artikolu 1424 et seq tal-Kapitolu 16.

56. Il-konvenut jinsisti li l-vettura "ma kinitx idoneja u ma kinitx dik li kienet mwiegħda"[29] u dan prinċipalment għal tlett raġunijiet: (a) il-magna ma taħdimx sew; (b) il-magna m'hijiex dik oriġinali li ħarġet biha l-karozza mill-fabbrika u (ċ) il-vettura m'hijiex Ford Mustang Mach 1 kif imwiegħda fil-konvenju. Għal dawn ir-raġunijiet il-konvenut jgħid li "l-attur ma jistax jippretendi li l-konvenut jidher fuq l-att ta' bejgħ finali jekk l-attur mhuwiex f'pożizzjoni u mhuwiex dispost li jipprovdi dak li ġie pattwit bejn il-partijiet, ovvjament fi stat funzjonanti u fi stat li jissodisfa l-kriterji meħtieġa għal vettura tal-epoka."[30]

57. Il-Qorti sejra tibda bl-aħħar ilment u ċioe li l-vettura m'hijiex Ford Mustang Mach 1 kif imwiegħda fil-konvenju. Mill-ewwel kundizzjoni sukwotata jirriżulta li l-kumpratur ħallas id-depożitu akkont permezz ta' "Ford Mustang Coupe" mingħajr ma saret ebda referenza għal-kliem Mach 1. Fuq il-vettura hemm *stickers* bil-kliem 'Mach 1' fuqha u għalhekk il-konvenut kellu raġuni jemmen illi kien ser jixtri vettura Mach 1.

58. L-espert osserva li l-vettura m'hijiex Mach 1 għax "biex tkun hekk il Code tal-Magna fin-numru ta' identifikazzjoni jrid ikun differenti". Hawn l-espert qiegħed jagħmel referenza għat-tieni numru li jinsab fix-*chassis number*. Ix-*chassis number* tal-vettura in kwistjoni b'mod komplut huwa 9T02T68411. Filwaqt li l-ewwel numru jindika s-sena meta ħarġet il-

[29] Fol 268 tal-proċess.
[30] *ibid*.

vettura (f'dan il-każ 9 = 1969) u l-ewwel ittra hija l-post fejn ħarġet (T = Metuchen, New Jersey), it-tieni numru huwa l-*body* tal-vettura (02 = Fastback). Fil-każ odjern kien l-espert stess li ppreżenta tabella a fol 220 fejn għas-sena 1969, in-numru 02 kien ikopri *body Fastback, Fastback Mach 1* u *Fastback Boss 302, Boss 429*[31]. Din l-informazzjoni tidher mit-tabella stess li ttieħdet mis-sit elettroniku ta' Mustang Specs: https://www.mustangspecs.com/1969-mustang-vin/. Dan l-istess sit elettroniku jipprovdi li kien mis-sena 1970 li l-vetturi bil-*body* Mach 1 beda jingħata n-numru 05. L-espert naqas jispjega kif wasal għall-konklużjoni li l-vettura m'hijiex Mach 1 meta attwalment in-numru 02 jinkludi fih ukoll il-*body* Mach 1. L-espert jagħmel referenza għal stiker (*Data Plate Decoder*) li tkun imwaħħla mal-pilastru ta' ħdejn ix-xufier, liema stiker osserva l-espert hija nieqsa. Din kienet tindika bi preċiżjoni d-dettalji karozza inkluż jekk hijiex Mach 1. Il-Qorti tqis illi ġialadarba in-numru 02 kien ikopri tlett tipi ta' *bodies* differenti kellu jħares lejn karatteristiċi oħra tal-vettura li jkunu distingwibbli minn mudelli differenti tal-istess sena. F'dan il-każ għalhekk il-Qorti ma tistax tasal f'konklużjoni ċerta li l-vettura m'hijiex Mach 1 kif jindikaw l-istikers imwaħħlin mal-ġenb tal-vettura. Fi kwalunkwe każ ġia osservajna illi l-konvenju ma jagħmel ebda referenza għal kliem *Mach 1* iżda biss il-kelma 'Coupe' li ġeneralment tirreferi għal vettura b'żewġ bibien u saqaf fiss (ċioe mhux *convertible*).

59. Imiss issa jiġu meqjusa ż-żewġ ilmenti l-oħra tal-konvenut u ċioe li l-magna ma taħdimx u li m'hijiex dik oriġinali. Il-Qorti tgħod mill-ewwel li dawn l-ilmenti għandhom mis-sewwa.

60. Mhux kontestat mill-attur li l-magna m'hijiex dik li ħarġet biha mill-fabbrika. Waqt il-kontro-eżami Christopher Sammut li kien jagħmel xogħol għal missieru li kien importa din il-vettura ikkonferma li l-magna li kienet biha ma kinitx waħda oriġinali u dan għaliex hija ħarġet b'magna straight-6 filwaqt li l-magna li kien hemm imqiegħda fil-vettura mertu tal-kawża kienet tat-tip V8. Il-magna V8 hija aktar minn dik straight-6. Il-

[31] L-istess deskrizzjoni tinsab a fol 225 li ukoll jifforma parti mir-rapport tal-espert.

magna tal-Ford Mustang mertu tal-kawża hija hekk imsejħa *big block* u ċioe hija magna aktar b'saħħitha u aktar veloċi minn straight-6.

61. Dawn il-*blocks* huma nnumerati fejn fil-każ odjern il-magna għandha imnaqqax fiha 60-352. Dan in-numru ġie identifikat bħala *engine number* fuq il-*logbook* Ingliż (u ċioe minn fejn ġiet impurtata)[32] u dan l-istess numru ġie mniżżel fil-logbook Malti[33]. Il-konvenut però jgħid li dan in-numru m'huwiex verament l-*engine number* iżda biss il-*block number*. Jgħid li l-*engine number* ma jidhirx għajr għal numru wieħed u ittra waħda.

62. L-espert Natalino Agius ma jidħolx fir-rapport tiegħu dwar il-kwistjoni jekk in-numru 60-352 hux l-*engine number* jew l-*engine block number*, però jasal għall-konklużjoni li:

> "mill-istharrig li ghamilt skont in-numru ta' l-identifikazzjoni tal-vettura l-magna li ghandha din il-karozza rreġistrata ma hijiex il-magna li oriġinarjament harget biha. Dan il-fatt johrog billi l-magna li ghandha bhal issa hija ta' ghamla Ford Mustang imma hija V8 mentri l-magna oriġinali mill-fabrika skond chassis number hija straight 6 [6 cylinder]. Il-kodici tal-magna li harget din il-karozza biha hija [T] din tirrapreżenta magna Standard 115hp 200ci 6-Cyl u mhux V8. Il-magna li ghandha bhal issa hija V8 kif gie stabbilit waqt l-ispezzjoni li saret"[34].

63. Mhux talli l-magna m'hijiex dik oriġinali talli ġie ppruvat li l-magna li l-vettura hija armata biha bħalissa għandha ħsarat kbar. Il-konvenut mill-bidu kien imħasseb dwar kif qiegħda taħdem il-magna tant li fl-ewwel kundizzjoni tal-konvenju l-kontraenti iddikjaraw li għalkemm il-magna kienet qiegħda taħdem, "*tidher li ghandha bżonn espert sabiex* ***<u>jivverifika ghalfejn il-magna ma hijiex qeghda tahdem perfettament kif suppost</u>*** *u ghal dan il-ghan il-Kumpratur qed hawnhekk iqabbad lil Venditur sabiex iġib esperti halli jaghmlu r-riparazzjonijiet neċessarji a spejjez tal-istess*

---

[32] Fol 58 tal-proċess.
[33] Fol 59 tal-proċess.
[34] Fol 225 tal-proċess.

*Kumpratur wara li jiġi avzat bl-ammont tal-istess u dan sabiex tali magna tiġi rippristinata u tahdem kif suppost*."

64. It-tħassib tal-konvenut kien ikkonfermat mill-mekkanik Anthony Aquilina meta żarma l-magna. Huwa sab boldijiet mgħawġin u oħrajn mhux oriġinali għal dik il-magna, tant li ma bediex jgħaddi żejt minn ħdejn dawn il-boldijiet.

65. Dan ġie kkonfermat ukoll mill-espert meta fisser li "*Ta' min jghid li l-magna ġiet spezzjonata ghand mechanic li zarmaha, inzid nghid li skond il-partijiet internali tal-magna ġejt muri din il-magna ma setghatx kienet tahdem tajjeb. Xi partijiet nsabu mawgin kif ukoll xi partijiet gew sostitwiti b'boldijiet oriġinarji. Suppost dawn il-partijiet jghaddi minnhom iz-zejt imma dawn il-boldijiet ma ghandhomx minn fejn jghaddi iz-zejt*."[35]

66. Nonostante dan kollu, il-konvenut kien lest li l-magna tiġi msewwija billi jinxtraw il-*parts* appożiti u biex jingħad kollox l-attur kien lest li jħallas l-ispejjeż. Li ġara però hu li peress li l-*engine number* ma kienx jidher u l-magna ma kinitx dik oriġinali għal dik il-vettura, il-mekkanik ma setax juża xi wieħed minn dawn in-numri sabiex jixtri l-*parts* meħtieġa. Dan wassal sabiex il-magna ma setgħetx tiġi imsewwija u għalhekk ma baqgħetx salvabbli.

67. Jirriżulta sodisfaċentement illi d-difett fil-magna huwa tant gravi illi mhux rimedjabbli. Għalkemm il-fattispeċi huma kemxejn diversi, l-insenjament tas-sentenza **Giovanni Sammut vs Philip A. Grima**, deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fis-7 ta' Ottubru 1954 hija relevanti fir-rigward ta' xi jikkostitwixxi vizzju jew difett. Il-każ kien dwar tpartit ta' żewġ muturi, u l-ilment kien dwar is-saħħa tal-mutur konsenjat mill-konvenut. Jingħad f'dik is-sentenza li difetti:

> "huma dawk inerenti ghall-mod imperfett kif il-merci giet fabbrikata, valjata, imballata, kustodita. Il-merci ghandha tigi rikonoxxuta vizjata jew difettuza meta tigi fiha verifikata xi devjazzjoni mill-istat taghha

[35] Fol 226 tal-proċess.

ordinarju u normali li minnu tkun tiddependi l-attitudni taghha ghall-uzu li ghalih, bin-natura taghha, hija destinata, u ghalhekk vizju, jew difett, hija kull anormalita' jew imperfezzjoni u kull gwast jew avarija illi fil-haga tigi riskontrata li tnehhilha, jew tnaqqsilha l-attitudni ghall-uzu, jew il-bonta u l-integrita', u kwindi, biex il-haga tkun difettuza irid ikun jonqsilha xi haga biex tkun tista' tezisti b'mod pjenament konformi ghan-natura taghha, u biex tkun vizjata irid ikun hemm fiha xi alterazzjoni li minhabba fiha l-haga ma tkunx kif normalment ghandha tkun."

68. Din il-Qorti kif diversament preseduta fil-kawża fl-ismijiet **Robert Lia vs. Burmarrad Commercials Ltd et** mogħtija fit-8 t'Ottubru 2004 għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar difett f'vettura *second-hand:*

"Illi f'kaz simili, PA JSP Attard vs Mifsud 9/7/91 dina l-Qorti, diversament preseduta, kienet iddecidiet li:

Hu minnu li l-Kodici Civili ma jiddistingwix bejn jekk l-oggett mibjugh hux wiehed gdid, sekonda mano, qadim jew xort'ohra. Ghall-ligi l-kundizzjoni tal-oggett invendita, mhux rilevanti, imma biss fis-sens li kull oggett mibjugh igor mieghu bhala kundizzjoni tal-kuntratt ta' comprovendita l-garanzija tal-ligi kontra d-difett mohbi. L-istitut tal-Kodici Civili dwar dan, pero', ghandu jinqara u jigi interpretat b'mod logiku li jirrispekkja l-intenzjoni tal-legislatur li certament ma kellu l-ebda hsieb li jaghti lil min jixtri oggett mhux gdid l-istess garanzija li hu intitolat ghaliha min jixtri oggett gdid. Ir-*ratio legis* hu, li jigi adegwatament protett il-kompratur kontra difetti mohbija fl-oggett li jkun xtara. Hu ovvju li jekk l-oggett ikun gdid il-venditur irid jiggarantixxi kontra kull difett mohbi, ghax hu car li l-kompratur tal-gdid ikun qed ihallas u ghandu dritt jezigi li dak li xtara ma jkunx affett minn ebda vizzju. Mill-banda l-ohra fil-bejgh ta' oggett sekonda mano, ikun ovvju wkoll li l-oggett tal-kuntratt mhux aktar wiehed gdid, imma wiehed uzat. <u>F'dan il-kaz il-garanzija tibda tapplika biss wara li jittiehed kont tal-kondizzjoni li l-oggett in vendita kien mistenni li jkun fiha bhala</u>

oggett uzat, tenut kont tal- 'wear and tear', zmien, uzu u cirkostanzi ohra li jkunu ikkondizzjonaw l-prezz miftiehem.

Il-kompratur ghalhekk ma hux intitolat jinvoka l-eccezzjoni tad-difett mohbi jekk xtara oggett sekonda mano meta d-difett li jkun jilmenta minnu, hu rizultat dirett tal-uzu li sar mill-oggett minnu akkwistat, minn mindu kien gdid sakemm sar il-bejgh.

Id-difett lamentat irid ikun wiehed ta' certa gravita', cjoe jehtieg li d-difett ikun ta' certa gravita' relattivament ghall-haga mibjugha u ghall-prezz imhallas ghaliha (ara App Scicluna vs Azzopardi 22/6/59; u PA Dimech vs Earle 10/12/93).

Fil-kaz in ezami skond il-konvenuti d-difetti lamentati mill-atturi setghu jittrangaw u fil-fatt gew irrangati u l-trakk huwa in *working condition*. Dawn ix-xogholijiet kienu jinvolvu bdil tar-*rubber seals* taz-zejt tal-*hydraulic*. Ix-xoghol l-iehor fuq id-dawl kien sar mill-konvenuti a sodisfazzjoni ta' l-attur. Dan kien xoghol zghir li wiehed jistenna li jsiru f'vettura *second hand* uzata u li ghandha certu *wear and tear*. Il-konvenut xehed li anke offra lill attur li jsiru certi xogholijiet taht garanzija ghall certu zmien.

Mhux kull tiswija, specjalment f'vetturi *second hand*, jistghu jigu klassifikati bhala difetti. Dawn id-difetti jridu jkun tal-gravita' fuq imsemmija, biex jistghu iwasslu ghal xoljiment tal-ftehim.

Jirrizulta mill-provi li d-difett riskontrat mill-attur ma kienx wiehed intrinsiku fil-makna imma kien provokat direttament mill-uzu tieghu u bhala konsegwenza ta' *wear and tear*, rizultat ta' dana l-uzu. L-attur kien konxju meta xtara t-trakk li dan necessarjament kellu l-mekkanizmu tieghu effettwat mill uzu passat tieghu, aktar u aktar meta l-vettura ghandha uzu industrijali."

69. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu l-attur kiteb li *"fil-konvenju ma jirriżultax li kien hemm kundizzjoni li jekk il-vettura jkollha xi difett il-*

*weghda ta' bejn il-partijiet ma tkunx aktar valida jew xi kundizzjoni ohra fir-rispett tal-vettura*."[36] Saret referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Paul Scicluna vs. L-Eċċellenza Tiegħu Mons Nikol Cauchi, l-Isqof ta' Għawdex et** mogħtija fil-31 ta' Mejju 2004. Fost oħrajn ikkwota is-segwenti silta: "*jekk tinqala' cirkostanza li hija estraneja ghall-ftehim milhuq bejn il-partijiet kontraenti m'huwiex lecitu ghal wahda mill-partijiet li tipprova tizvinkola ruhha mill-obbligi minnha assunti minhabba f'dana l-intopp estraneju*."

70. L-attur m'għandux raġun. Mhux talli l-kuntratt ma kellux kundizzjoni li jekk ikollha xi difett il-wiegħda ta' bejn il-kontraenti ma tkunx valida, talli l-attur fuq il-konvenju "iggarantixxa [...] li tali vettura ma ghandhiex difett latenti." Di piu, kif ġia ritenut, poġġew obbligazzjoni fuq il-kumpratur attur sabiex iħallas għat-tiswijiet meħtieġa sabiex isiru r-riparazzjonijiet neċessarji fuq il-magna.

71. Kif fuq spjegat, din l-obbligazzjoni ma ġietx eżegwita sal-mument li kien estiż l-konvenju u ċioe sal-20 ta' Settembru 2019. Ġaladarba l-attur m'ottemporax ruħu mal-obbligi tal-konvenju, huwa ma setax jagħti lill-konvenut dak li wiegħdu u ċioe vettura mingħajr difetti.

72. Applikabbli għall-każ odjern hija l-massima *inadimplenti non est adimplendum* u ċioe l-attur ma jistax jitlob lill-Qorti tordna lill-konvenut jeżegwixxi obbligazzjoni tiegħu meta l-attur stess naqas milli jeżegwixxi l-obbligazzjoni tiegħu***.***

73. In tema legali ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Adrian Muscat vs. Emilio Agius et** mogħtija mill-Pim'Awla fis-27 ta' Frar 2017[37] fejn ġew delineati l-prinċipji għall-eċċezzjoni tal-inadempjenza:

> "Illi biex dina l-eccezzjoni [ta' l- *inadimplenti non est adimplendum*] tista' tigi akkolta jehtieg li jirrikorru certi kondizzjonijiet fosthom li l-inadempjenza tal-attur trid tkun tolqot xi obbligu li jkun parti integrali

[36] *ibid*.
[37] Appellata iżda ġiet differita sine die.

mill-ftehim. Inoltre f'cirkostanzi xierqa, zewg kuntratti (jew aktar) awtonomi bejn l-istess partijiet jistghu jigu kkunsidrati unitarjament, specjalment meta l-kawzali jew finalita ekonomika taghhom tkun wahda, bhal per ezempju, meta jkun hemm bejgh ta' immobbili u appalt (**C. Cremona noe vs V Angilleri,** PA 11/10/1966). L-inadempjenza allegata trid tkun verament imputabbili lill-attur u mhux provokata mill-inadempjenza tal-konvenut innifsu (**Guillaumier Industries Ltd vs Taormina Estates Ltd**, PA 22/11/2012). Finalment trid tirrikorri ukoll il-kondizzjoni tal-proporzjonalita jew adegwatezza bejn l-inadempjenza tal-attur u dik tal-konvenut cioe n-nuqqas tal-attur irid ikun ta' certa gravita` fil-konfront tal-prestazzjoni li l-attur jezigi minghand il-konvenut."

74. Fuq l-istess tema s-sentenza **Olive Gardens Investment Ltd vs. Charles Sant Fournier et** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Ġunju 2018 u kkonfermata milll-Qorti tal-Appell fit-31 ta' Mejju 2019. Dan kien każ fejn minkejja li s-soċjetà attriċi kienet użat il-proċedura kkontemplata fl-Artikolu 1357 kien irriżulta li l-kuntratt ma kienx seħħ mhux b'nuqqas imputabbli lill-konvenuti. Konsegwentement it-talbiet tas-soċjetà attriċi sabiex il-konvenuti jiġu ordnati jersqu għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ġew miċħuda. Il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

"Din il-Qorti, bhal ta' qabilha, tqis mill-aktar relevanti l-principju li, parti wahda f'konvenju ma tistax u m'ghandhiex tithalla tuza d-dispozizzjonijiet tal-ligi biex ittawwal l-effett tal-konvenju minhabba li dik l-istess parti ma tistax tersaq ghall-att definittiv minhabba xi nuqqas taghha stess. Dan il-principju gie sottolinjat fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-12 ta' Gunju, 2002 (konfermata minn din il-Qorti fl-1 ta' Lulju, 2005) fil-kawza fl-ismijiet **Steve Cachia et v. Nicholas Cutajar et.** Fl-istess sentenza nghad ukoll li d-dispozizzjonijiet tal-ligi qeghdin hemm sabiex jistabilixxu procedura kif parti f'konvenju tista' tissalvagwardja d-drittijiet taghha naxxenti mill-istess konvenju u ma jistghux jitqiesu effettivi fil-konfront ta' parti li effettivament tkun trid li tersaq ghall-att definittiv."

75. Riċentement fis-sentenza **Darani Investments Ltd vs. Anthony Attard Montaldo et** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Novembru 2023 ġie mfisser kif il-prinċipju *inadimplenti non est adimplendum* huwa applikabbli wkoll għal sitwazzjonijiet bħal dawktal-kawża odjerna:

"24. Fl-ewwel lok, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-prinċipju ta' *adimplenti non est adimplendum* huwa indirettament inkorporat fl-Artikolu 1357(2) stess. Dan qiegħed jingħad għaliex l-Artikolu 1357(2) jikkontempla sitwazzjoni fejn parti tkun ħerqana biex tinforza l-wegħda tal-bejgħ u l-parti oħra ma tkunx: f'dak il-każ il-parti li tkun ħerqana biex tagħmel il-kuntratt għandha r-rimedju li tipproċedi kontra l-parti l-oħra sabiex din tal-aħħar tiġi ordnata twettaq il-wegħda li għamlet, dejjem sakemm ikun minħabba nuqqas ta' din tal-aħħar li l-bejgħ ma jkunx sar.

25. Isegwi allura li persuna ma tistax tinvoka l-Artikolu 1357(2) b'suċċess jekk jirriżulta li l-bejgħ ma jkunx sar proprju minħabba nuqqas tagħha stess u mhux tal-parti l-oħra. Il-persuna li tonqos milli tonora l-wegħda tal-bejgħ magħmula minnha ma tistax imbagħad tinqeda bl-Artikolu 1357(2) biex iġiegħel lill-parti l-oħra, li għall-kuntrarju dejjem kienet disposta li tonora l-wegħda tal-bejgħ, sabiex tagħmel il-bejgħ anke wara li ż-żmien tal-konvenju jkun għalaq.

26. Fil-fatt kif tajjeb jargumentaw il-konvenuti, dan il-prinċipju ta' adimplenti non est adimplendum huwa radikat fuq l-esiġenzi tal-ekwita` u l-bona fede li jifformaw is-sostrat tad-dritt tal-obbligazzjonijiet fil-liġi tagħna. Tant hu hekk li l-insenjament ġuridiku suċċitat minn din il-Qorti, fis-sens li parti li ma tkunx lesta taddivjeni għall-att tal-bejgħ fiż-żmien miftiehem ma tistax imbagħad tagħmel azzjoni biex tesiġi l-parti l-oħra tersaq għall-bejgħ, huwa proprju l-applikazzjoni tal-prinċipju f'materja tal-konvenji."[38]

[38] Ara wkoll **G & L Bugeja Co Ltd vs. Rickard Co Ltd et** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-5 'Ottubru 2023.

76. Fil-każ odjern kien l-attur li naqas milli jonora l-obbligu tiegħu naxxenti mill-konvenju. Irriżulta mingħajr ebda ombra ta' dubju li l-magna tal-vettura fiha difetti gravi irrimedjabbli. Kellu kull raġun il-konvenut ma jersaqx għall-kuntratt ta' bejgħ tal-immobbli u dan għaliex l-istipulazzjonijiet fil-konvenju jorbtu l-bejgħ tal-immobbli mal-bejgħ tal-vettura. Il-bejgħ tal-vettura ma jistax jiġi estrapolat mill-bejgħ tal-immobbli kif qed jippretendi l-attur. Ma għandux dritt l-attur meta jgħid illi għandu jedd li jixtri l-garaxx billi jħallas il-prezz fl-intier tiegħu u jieħu lura l-pussess tal-vettura. Huwa aktar milli evidenti sew mill-konvenju kif ukoll mill-provi mressqa illi l-ftehim kien wieħed. Ġialdarba kien l-attur li rrinega mill-obbligi tiegħu fuq il-konvenju, l-ittra uffiċjali minnu ppreżentata ma għandiex l-effetti maħsuba fl-Artikolu 1357(2) tal-Kodiċi Ċivili.[39] Għaldaqstant il-konvenju inħall mal-iskadenza tal-estensjoni tiegħu bil-konsegwenza illi l-attur ma għandux jedd jitlob li l-konvenut jiġi kkundannat jersaq għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgħ tal-garaxx.

**77. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qed tiċħad it-talbiet tal-attur.**

**Kontro-Talba**

78. Ngħaddu issa għall-kontro talba mressqa mill-konvenut li permezz tagħha qed jitlob li l-attur rikonvenzjonat jirritorna l-pussess tal-garaxx lill-konvenut kif ukoll li jiġi kkundannat iħallas lill-konvenut rikonvenzjonant kumpens "għaż-żamma bla titolu" ta' dan il-fond.

79. Skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, jekk l-ammont imħallas fuq il-konvenju kien depożitu akkont tal-prezz, ġaladarba jaqa' l-konvenju, kollox għandu jmur lura għall-i*status quo ante*. Ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Pauline Debono vs. Albert Balzan** mogħtija fil-5 ta' Lulju 2021 li:

---

[39] Ara **G & L Bugeja Ltd vs. Philip George Degiorgio et** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-5 t'Ottubru 2023.

"28. Ifisser dan, li kull parti tkun trid trodd lura kull benefiċċju li setgħet kisbet bis-saħħa tal-konvenju (ara ***David Abela et v. Michael Debono et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ġunju, 2020 u ***Christine Cassar Torregiani v. Dr. Godfrey Gauċi Maistre*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Mejju, 2007);

29. Fost il-benefiċċji li jridu jiġu mrodda lura, hemm il-flejjes kollha li jkunu ġew imħallsa bħala parti mill-prezz tax-xiri (ara *inter alia* ***Olive Gardens Investments Limited v. Charles Sant Fournier et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2019, ***Jeffrey John Mallia v. Adrian Caruana*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Lulju, 2017, ***Chain Services Limited v. Leo Micallef et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Jannar, 2017, ***Kruger Brent Development Limited v. P.A.M. Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-25 ta' Novembru, 2016, ***Gerit Company Limited v. A.M. Developments Limited et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Mejju, 2015, ***Alfred Galea et v. Perit Anton Zammit et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-5 ta' Marzu, 2010, ***Angelo Zahra v. John Parnis England et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' April, 2009 u ***Gloria Pont v. J. L. J. Construction Company Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Frar, 2008)".

80. Tenut kont li l-konvenju għalaq bla ma ser jiġi ppubblikat il-kuntratt ta' kompravendita, u anke fid-dawl tal-fatt li fuq il-konvenju l-partijiet qablu li f'każ li l-kuntratt finali ma jsirx għandu jiġi ritornat kollox lill-parti rispettiva, din il-Qorti sejra tordna li l-partijiet jitqiegħdu fi *status quo ante*. L-attur rikonvenzjonat għandu jirritorna lura lill-konvenut il-pussess tal-garaxx peress li l-pussess tiegħu kien kondizzjonat li jiġi ppubblikat il-kuntratt. Dan anke in linea ma dak li ġie miftiehem fuq il-konvenju stess: *"[...] filwaqt li l-pussess tal-proprjetà qed jghaddi ghand il-Kumpratur b'effett immedjat tali pussess hu biss wiehed fuq tolleranza a bażi tal-fatt li l-ezekuzzjoni tal-att finali hu wiehed imminenti u kemm il darba ghal kwalunkwe raguni l-att ma jiġix ippubblikat l-Kumpratur ma jifdallu l-ebda jedd residwali fuq l-istess garage. Jigi ukoll maqbul li kull benefikati addizzjonali li l-Kumpratur joghgbu jaghmel fil-garage hu dejjem a riskju*

*pjen tal-istess kumpratur u ma jkollu l-ebda dritt ghal rifuzzjoni ta spejjez mil-venditur jew l-Att finali ma jsehhx*."[40]

81. Ir-rilaxx u r-ritorn tal-pussess tal-garaxx għandu jsir fi żmien ġimgħatejn minn meta din is-sentenza tgħaddi in ġudikat.

82. Imiss issa jiġu meqjusa r-rimanenti talbiet rikonvenzjonali u ċioe l-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni reklamati mill-konvenut rikonvenzjonant rappreżentanti ż-żamma allegatament bla titolu tal-fond in kwistjoni għal perjodu ta' bejn id-data li huwa ħa l-pussess tal-fond u ċioe mis-17 t'April 2019 sad-data tar-rilaxx effettiv lura lill-konvenut.

83. Sakemm kien għadu in vigore l-konvenju, ma jistax jingħad li mis-17 ta' April, 2019 l-attur kien qed jiddetjeni l-garaxx mingħajr ebda titolu. Kienu l-partijiet stess li qablu li matul il-validita' tal-konvenju l-pussess tal-garaxx jgħaddi għand l-attur. Kif daqstant ieħor ftemhu li l-pussess tal-garaxx jerġa jgħaddi lura għand il-konvenut fl-eventwalita' li l-kuntratt ma jiġiex ippubblikat. Kif ġia rajna, fl-14 ta' Awissu, 2019 il-partijiet estendew il-konvenju sal-20 ta' Settembru, 2019 u għalhekk sa dik id-data l-attur kien qed iżomm il-pussess tal-garaxx bis-saħħa ta' dak il-konvenju.

84. Mhux l-istess jista' jingħad ġialadarba kif rajna il-kuntratt ma ġiex ippubblikat għal raġunijiet imputabbli lill-attur. L-attur kien jaf, jew messu kien jaf, illi ġialadarba l-vettura li wiegħed li jitrasferixxi lill-konvenut kellha difetti gravi irrimedjabbli, ma setax jibqa' jinsisti li jiġi ppubblikat il-kuntratt ta' bejgħ tal-immobbli peress li l-bejgħ tal-vettura kien intrinsikament marbut mal-bejgħ tal-immobbli.

85. L-attur kellu l-obbligu li jonora l-wegħda tiegħu fuq il-konvenju sa mhux aktar tard mid-data tal-estensjoni. Ġialadarba irriżulta illi sal-iskadenza tal-konvenju l-attur ma kienx f'posizzjoni li jonora dak li ntrabat bih fuq il-konvenju, huwa kellu l-obbligu ġia kontemplat fil-konvenju li jirritorna l-pussess tal-garaxx lill-konvenut. L-attur ma rritornax iċ-ċavetta lill-konvenut għaliex ippretenda li għandu l-jedd jeżiġi li l-kuntratt tal-bejgħ

[40] Fol 6 tal-proċess.

jiġi ppubbklikat. Pretensjoni din li kif rajna aktar qabel ma hiex fondata u qed tiġi riġettata. Mill-atti ma jirriżultax li l-ittra uffiċjli ippreżentata mill-konvenut kienet ġiet notifikata lill-attur. Il-kontro talba ġiet notifikata lill-attur fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2020.

86. Seta' jekk ried jeżimi ruħu mir-responsabbilta' l-attur illi jiddepożita ċ-ċavetta taħt l-awtorita' tal-qorti pendenti l-eżitu tal-kawża u l-kontro-talba, pero' ma hax tali azzjoni.

87. Darba li l-effetti tal-konvenju ġew fi tmiemhom mal-iskadenza tat-terminu estiż mingħajr ma l-kuntratt ta' bejgħ ġie ppubblikat, l-attur ma setax jibqa' jitqies li qed iżomm il-pussess tal-garaxx bis-saħħa tal-konvenju. Kull okkupazzjoni sussegwenti da parti tal-attur titqies "bla titolu" bl-oneru li jħallas danni għall-okkupazzjoni mhux awtorizzata.

88. Għaldaqstant il-Qorti qed tqis illi b'effett mill-14 ta' Jannar, 2020, id-data tan-notifika tal-kontro talba, l-attur rikonvenzjonat ġie uffiċjalment notifikat bit-talba li jirritorna l-garaxx lill-konvenut bil-konsegwenza korollari ta' responsabbilita' għad-danni b'riżultat tal-inadempjenza tiegħu. Danni konsistenti f'kumpens għall-użu mhux awtorizzat. Meta jkun hemm okkupazzjoni bla titolu, il-kumpens dovut bhala danni huwa kkalkolat a bażi tal-valur lokatizzju tal-fond. (ara. **John Galea et. v. Raymond Falzon et.** - Prim' Awla - 28 ta' April, 2005).

89. Bħala prova tad-danni, il-konvenut rikonvenzjonant ippreżenta sett ta' tmien irċevuti tal-kirja tal-garaxx għall-perjodu bejn is-17 ta' Ġunju 2014 u l-31 ta' Jannar 2015.[41] Il-kirja kienet ta' tliet mija u ħamsin ewro (€350) fix-xahar. Din hija l-unika prova li għandha l-Qorti dwar il-valur lokatizzju tal-fond liema prova ma ġiet bl-ebda mod kontradetta.

90. Sejra għalhekk tillikwida d-danni dovuti lill-konvenut rikonvenzjonant fuq kalkolu ta' €350 fix-xahar għall-perijodu mill-14 ta' Jannar 2020 sad-data tallum, b'riżerva għad-danni futuri.

---

[41] Fol 103 sa Fol 110 tal-proċess.

91. Kalkolu : €350 x 12 x 4 = €16,800[42]; €350 x 180 jum = €2,071[43]

Total : €18,871.00

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża u l-kontro-talba bil-mod segwenti:

1. **Tilqa'** l-eċċezzjonijiet tal-konvenut għat-talbiet attriċi;

2. **Tiċħad** it-talbiet kollha tal-attur peress li qed issib li ma humiex siewja;

3. **Tiċħad** l-eċċezzjonijiet kollha tal-attur rikonvenzjonat għat-talbiet rikonvenzjonali;

4. **Tilqa'** l-ewwel talba rikonvenzjonali, tiddikjara li l-attur rikonvenzjonat m'għandux jedd u titolu validu fil-liġi sabiex iżomm il-pussess tal-garaxx numru 6 sottopost għal blokka appartamenti bl-isem ta' Maria Flats ġewwa Triq il-Ballut, tas-Sliema, u dan b'effett mill-14 ta' Jannar, 2020;

5. **Tilqa'** in parte t-tieni talba rikonvenzjonali, tordna lill-attur rikonvenzjonat jirrilaxxa u jirritorna l-pussess tal-istess garaxx lill-attur fi żmien ħmistax-il jum minn meta din is-sentenza tgħaddi in ġudikat; u tiċħadha fil-kumplament peress illi l-eżekuzzjoni tas-sentenzi ssir mill-marixxalli tal-qorti u mhux mill-partijiet;

6. **Tilqa'** it-tielet talba rikonvenzjonali, tillikwida d-danni kkawżati mill-attur lill-konvenut minħabba l-pussess bla titolu tal-garaxx fuq imsemmi għall-periojdu mill-14 ta' Jannar, 2020 sad-data tallum fis-somma ta' tmintax-il elf, tmin mija u wieħed u sebgħin ewro (€18,871);

---

[42] 14/01/2020 - 13/01/2024
[43] 14/01/2024 - 28/06/2024

7. **Tilqa'** ir-raba' talba rikonvenzjonali, tordna lill-attur rikonvenzjonat iħallas lill-konvenut rikonvenzjonant is-somma hekk likwidata ta' tmintax-il elf, tmin mija u wieħed u sebgħin ewro (€18,871), bl-imgħax legali millum sad-data tal-effettiv pagament;

**Bl-ispejjeż** kollha a karigu tal-attur.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
28 ta' Ġunju, 2024

**Deputat Reġistratur**